L-GHID TA' L-ASSUNTA

13 [1978]

www.gozocathedral.org.mt

l-għid

ta' l-assunta

13 (1978)

MESSAGG TA' MONS ARCIPRIET

Għeżież parruċċani,

F'din is-sena tal-Liturġija, fil-pjan triennali pastorali għad-djoċesi tagħna t'Għawdex, jixraq li mill-jiem tal-festa 1978, noħolqu strateġija liturġika taħt erba' aspetti biex anki f'dawn il-ġranet nissoktaw norjentaw l-attivitajiet partorali tagħna lejn direzzjoni li għandhom bħala mira prinċipali l-progress fil-liturġija kif tifhimha l-Knisja llum fl-istruzzjonijiet kollha li tatna mill-Konċilju Vatikan II 'l hawn. Għalhekk ix-xewqa tiegħi, bħala missier spiritwali tagħkom, hija li naħdmu għalenija biex is-Solennità Liturġika tat-Tlugħ fis-sema tal-Verġni Marija, bir-ruħ u l-ġisem tkun:

* **STRATEĠIJA KOMMUNITARJA** li tappella lil kull kategorija tal-kommunità parrokkjali tagħna, biex tgħaqqadna f'riġment wieħed li jieħu sehem ħaj fil-funzjonijiet liturġiċi kollha tal-festa għax b'hekk tikber tassew is-solennità tal-padruna speċjali tal-Gżejjer Maltin, Santa Marija. Bis-saħħa tal-Liturġija, aħna nuru li, għalkemm kull bniedem għandu dritt għall-opinjoni personali tiegħu, iżda b'daqshekk dan il-jedd m'għandux jifridna minn xulxin, imma aktar għandu jgħaqqadna flimkien biex infaħħru 'l Alla.

* **STRATEĠIJA PSIKIKA** li twassal lilna lkoll biex nifhmu li l-lingwa tal-liturġija tappella mhux biss għall-moħħ, imma wkoll għall-qalb u s-sensi tagħna, ħalli aktar nidħlu fil-qalba ta' dan il-misteru Marjan li nkunu qegħdin niċċelebraw. Ma ninsewx li kemm l-emozzjonijiet, kif ukoll l-immaġinazzjonijiet, huma ħteġijiet essenzjali u indispensabbli fil-ħajja psikika tal-bniedem. U hekk il-Liturġija, bis-sinjal sensibbli tagħha fil-jiem tal-festa, tgħinna nsaħħu t-twemmin tagħna fil-veritajiet tal-fidi.

* **STRATEĠIJA MEDIĊINALI** li toffri għajnuna speċjali biex ilkoll inħarsu lejn il-liturġija tal-festa bħala mezz effikaċi ħalli f'dawn il-ġranet ma naqilbux il-ġerarkija tal-valuri bl-adattament mentali tagħna, imma, fil-limiti tal-qies, niddevertu bla ma noffendu lil ħadd u mingħajr ma nonqsu mid-dmir li nqerru u nitqarbnu b'dispożizzjonijiet tajba. Ma ninsewx li quddiem Alla jiswa mhux kemm nagħtuha għall-bluhat fil-jiem tal-festa, imma kemm il-liturġija tkun għenitna biex infasslu l-bqija ta' ħajjitna fuq l-eżempju tal-Verġni Marija.

* **STRATEĠIJA DIDATTIKA** li timmobilizza l-elementi kollha possibbli fil-parroċċa biex mil-Liturġija tal-misteru ta' l-Assunzjoni tal-Verġni Marija tinfetaħ fuqna għal dejjem għajn ta' tagħlim bibliku li bih huma miżgħudin kemm il-quddiesa kif ukoll il-Liturja tas-sigħat tal-15 ta' Awissu. Tajjeb li niftakru li r-

Harġa ta' darba fis-sena maħruġa mill-Arċipriet tal-Katidral Mons. Carmelo Scicluna.

www.gozocathedral.org.mt

iiforma fil-liturġija saret biex tikber fina l-kultura tal-Kotba Mqaddsa li għandha tkun il-bażi tal-ħajja tagħna nisranija.

Jalla lkoll fiimkien, fil-ġranet tal-festa, naħdmu bla heda, biex niffurmaw din l-istrateġija liturġika, mibnija fuq linja kommunitarja, psikika, mediċinali u didattika, għax b'hekk inkunu qegħdin naħżnu kwantità kbira ta' enerġija spiritwali li tant neħtieġu ħalli għada pitgħada naslu fil-Liturġija tas-sema biex niċċelebraw it-Tlugħ fis-sema tal-Verġni Marija bir-ruħ u l-ġisem mhux biss darba fis-sena, imma għal dejjem.

X'Qalu t-Turisti għall-Knisja Katidrali

* Words hard to express one's feelings.........
* Never seen anything so lovely.
* Very impressive and devotional.
* Next to Heaven.
* British churches and cathedrals are no worth for the artistic and architectural beauties of this cathedral.
* We won't forget.
* Out of the world.
* Overwhelming in Splendour.
* One of the most beautiful Cathedrals I have ever seen.
* Paintings beautiful.
* Glorious place to be in.
* As perfect as the weather in architecture.

NOTA TA' L-EDITUR:
L-artikli kollha ta' din ir-rivista nkitbu u ġew stampati qabel il-mewt tal-Papa Pawlu VI u għalhekk ir-riferenzi għalih f'dawn l-artikli huma lkoll indirizzati bħala l-Papa attwali jew preżenti.

www.gozocathedral.org.mt

Tifkira tac-centinarju tal-Mewt tal-Papa Piju IX

(mill-Omelija tal-E.T. Mons. Cauchi)

Mons. Isqof Cauchi qed jagħmel l-Omelija biex ifakkar egħluq il-100 sena mill-mewt tal-Papa Piju IX

Il-barranin li jiġu jżuru din il-Knisja Katidrali, jinnotaw ħaġa illi forsi ma jsibuhiex fi knejjes oħra tad-dinja; huma jilmħu fuq il-presbiterju l-bust tal-Papa Piju IX. Aktarx li dawn jistaqsu: għaliex fuq il-presbiterju tal-Katidral hemm il-bust ta' Piju IX? Min hu dan Piju IX? Jista' jkun li mhux biss il-barranin, imma anke dawk li jiffrekwentaw din il-knisja ta' spiss, ma jkollhomx tweġiba lesta għal domanda bħal din.

Il-bust tal-Papa Piju IX qiegħed fuq il-presbiterju ta' din il-knisja, proprju qrib l-artal, għaliex kien hu li, bil-bolla hekk imsejħa "Singulari Àmore" tal-1864, mar iwaqqaf id-djoċesi ta' Għawdex u jgħolli lil din il-knisja għad-dinjità ta' Katidral.

Bniedem li sofra għal Kristu u għall-Knisja

Piju IX kien il-Papa li l-iktar dam isaltan fuq it-tron ta' San Pietru; difatti l-pontifikat tiegħu jilħaq kważi 32 sena. Piju IX kien bniedem li ħabb lill-Knisja, ħabb lil Kristu u, nistgħu ngħidu, li wettaq sewwa l-parir li l-Appostlu Missierna San Pawl mar jagħti lid-dixxiplu tiegħu meta qallu: "Qis li tbati miegħi għall-evanġelju". Il-Papa Piju IX bata u sofra ħafna għal Kristu u għall-Knisja tiegħu. Nistgħu ngħidu li kien bniedem l-iktar maħbub u, fl-istess ħin, il-bniedem li kontra tiegħu kien hemm il-mibgħeda u l-attakki l-aktar feroċi.



Il-Bust tal-Papa Piju IX li jinsab fil-Katidral ta' Għawdex

Min kien allura dan Piju IX u x'għamel fil-pontifikat tiegħu? Ma jistax ikun li, f'taħdita qasira, insemmu l-atti kollha ta' dan il-Papa; l-anqas dawk li hu-

www.gozocathedral.org.mt

ma l-iktar importanti. Biss naghtu daqqa t'għajn fuq fuq u niġbru l-ħidma tiegħu bħala papa taħt żewġ aspetti: il-Papa huwa l-ewwelnett u fuq kollox l-**għalliem universali**, dak li jgħallem il-verità, jispjegalna l-messaġġ ta' Kristu u jurina d-dawl tat-tagħlim meħtieġ għas-salvazzjoni. Imma l-Papa huwa wkoll ir-**ragħaj universali** tal-merħla ta' Kristu li hija l-Knisja.

Id-Domma tal-Immakulata Konċezzjoni

Nibdew biex ngħidu li, matul il-pontifikat tiegħu, Piju IX, f'diversi enċikliki u allokuzzjonijiet, kien kontinwament jgħarraf u jaġġorna lill-bnedmin ta' żmienu dwar il-veritajiet tal-Vanġelu Mqaddes.

Imma forsi, wieħed mill-atti l-aktar importanti tal-pontifikat tiegħu, kien dak meta, fit-8 ta' Diċembru, 1854, ipproklama d-domma tat-tnissil bla tebgħa tal-Imqaddsa Verġni Marija. Kien jum ta' ferħ għall-Knisja ta' Kristu; jum ta' konsolazzjoni għall-qalb tal-Papa, jum li fih id-devoti ta' Sidtna Marija ħassew li għandhom tabilħaqq għalfejn jirringrazzjaw lil Alla, għaliex fil-kuruna li żżejjen ir-ras tas-Sultana tas-sema, żdiedet ġawhra oħra l-iktar prezzjuża.

Is-Sillabu ta' Piju IX

Il-Papa kompla wkoll jgħallem lill-fidili ta' żmienu billi jwissihom dwar it-tagħlim qarrieq ta' dik l-epoka; mhux biss it-tagħlim li jidher li huwa żbaljat ma' l-ewwel daqqa ta' għajn, imma anke dak it-tagħlim li għad li mill-qoxra jidher sabiħ, jista' jkun perikoluż ħafna ħtija tal-konsegwenzi li jġib miegħu.

Għalhekk, dan il-Papa, wara li kien ġie mitlub minn diversi isqfijiet, fl-1864, ħareġ l-enċiklika "Quanta Cura" u magħha wkoll ippubblika dak li jissejjaħ is-sillabu jew lista tal-ereżiji u tagħlim qarrieq li kien jiġi mxerred f'dawk iż-żminijiet. Ħafna ħaduha qatta bla ħabel kontra dan is-sillabu tal-Papa Piju IX. Però, dan kien meħtieġ fiż-żmien meta ħareġ, għaliex peress li l-perikli għall-fidi kienu bosta, l-insara u, b'mod speċjali l-predikaturi u t-teologi, kellhom bżonn xi ħaġa li tiggwidahom.

Il-Konċilju Vatikan I

Imma l-Papa Piju IX jibqa' mfakkar ukoll fl-istorja għaliex, fit-8 ta' Diċembru, 1869, huwa fetaħ l-Ewwel Konċilju Vatikan; Konċilju li ntemm ħesrem, għaliex f'Ottubru tas-sena ta' wara, l-Isqfijiet li nġabru f'Ruma għalih, kellhom jirritornaw lura lejn darhom peress li kien hemm periklu ta' gwerra imminenti.

Però dan il-Konċilju, fiż-żmien qasir li fih iltaqa' iddefinixxa tagħlim importanti u fundamentali għar-reliġjon tagħna. Speċjalment fil-Kostituzzjoni dommatika dwar il-fidi, dal-Konċilju jispjegalna dak li għandna nemmnu dwar Alla u dwar il-ħolqien. Fil-kostituzzjoni dommatika fuq il-Knisja, imbagħad, barra minn tagħlim ieħor, ġiet ipproklamata wkoll id-domma tal-Infallibilità tal-Papa.

Nistgħu ngħidu, li l-Papa Piju IX kompla sa l-aħħar mument ta' ħajtu, il-missjoni tiegħu li jgħallem il-verità u li jinsisti sabiex tiġi mħarsa ma' kullimkien id-duttrina ta' Sidna Ġesù Kristu.

L-Organizzazzjoni tal-Knisja f'diversi pajjiżi

Nagħtu issa ħarsa lejn il-ħidma ta' Piju IX bħala ragħaj tal-Knisja universali. Huwa jibqa' mfakkar minn diversi nazzjonijiet għaliex ta spinta qawwija lill-organizzazzjoni tal-Knisja Kattolika fihom. Hekk, per eżempju, huwa reġa' waqqaf il-ġerarkija fl-Olanda, u kiseb għal dak il-pajjiż il-libertà reliġjuża. Huwa waqqaf ukoll il-ġerarkija fl-Ingilterra u ħatar bħala primat ta' dak il-pajjiż, lill-Kardinal Wiseman. B'mod partikulari, fl-Istati Uniti tal-Amerika, fi żmien Piju IX, il-Knisja Kattolika organizzat ruħha u, minn minoranza li kienet qabel, saret forza l-iktar qawwija. Huwa wkoll ta spinta 'l quddiem il-ħidma tal-missjunarji.

Il-Kulturkampf

Però mhux il-pajjiżi kollha taw din

il-konsolazzjoni lill-qalb ta' Piju IX. Fost l-oħrajn, huwa kellu nkwiet kbir mal-Ġermanja, jew aħjar mill-Prussja, li kienet l-istat ewlieni ta' dan il-pajjiż. Difatti, fis-sena 1873, Bismark, hekk imsejjaħ "il-Kanċellier tal-Ħadid", li kien il-leader tal-Prussja, ħareġ dawk li jsejħulhom il-liġijiet ta' Mejju, li bihom għakkes il-Knisja. Huwa ppretenda li l-gvern ikollu kontroll tal-iskejjel kattoliċi u li jindaħal ukoll fid-dixxiplina tal-Kleru. Bdiet persekuzzjoni subdola, kemm kemm tinħass, li mbagħad ħraxet tant li ħafna Isqfijiet sabu ruħhom mitfugħin fil-ħabs u, iktar minn elf qassis, għal żmien itwal jew iqsar, ġarrbu huma wkoll dawn il-pieni.

Piju IX mar jeħodha kontra dak l-assolutiżmu ta' l-istat u kkundanna l-atteġġjament ta' Bismark. Fl-enċiklika tiegħu "Quod Numquam" tal-1875, huwa mhux biss ikkundanna l-prinċipji foloz li fuqhom kien qiegħed jitmexxa l-istat tal-Prussja, imma wkoll, biex ngħidu hekk, Piju IX kien profeta. Huwa ħabbar li, meta dawk li jmexxu l-istat, jidħrilhom li jistgħu jagħmlu kull ma jridu, huma jitfgħu 'l art twelidhom f'rovina kbira u joħolqu nkwiet mal-pajjiżi l-oħra. Dak li ħabbar Piju IX fl-1875, ġara fis-seklu tagħna, meta l-Ġermanja rregalat lill-popli żewġ gwerer mondjali, il-gwerra tal-1914 u dik tal-1939. Fl-aħħar mill-aħħar, il-politika ta' Hitler u l-politika ta' Bismark jixxiebhu ħafna għax ibbażati fuq l-istess prinċipju: li l-istat jista' jagħmel li jrid għaliex ma għandu lil ħadd fuqu.

Kien proprju dan il-prinċipju perikoluż illi l-Papa Piju IX ikkumbatta b'ħiltu kollha. Huwa ma rnexxilux jara r-rebħa tal-Knisja Kattolika fil-Ġermanja, imma l-Papa ta' warajh irnexxielu illi, permezz ta' konkordati, iġiegħel lil Bismark ibaxxi rasu u jagħti aktar libertà lill-Knisja f'dak il-pajjiż.

L-Inkwiet fl-Italja

Imma x-xewka l-iktar doloruża li kellu l-Papa Piju IX kienet ġejja proprju mill-Italja, art twelidu, li huwa tant kien iħobb. Meta laħaq Papa fl-1846, wieħed mill-ewwel atti tiegħu kien li jagħti l-libertà lill-priġunieri politiċi. Huwa ried ukoll li dawk li kienu jiggvernaw fl-istati pontifiċji, jiġifieri fit-territorju illi l-Papa kellu taħt idejh, bħala re ta' parti mill-Italja, ma jkunux iktar ekkleżjastiċi, iżda jkunu lajċi.

Fl-Italja, dak iż-żmien, kien qiegħed isir sforz biex ikun hemm dik li jsejħulha l-unità nazzjonali, għaliex qabel l-Italja kienet maqsuma f'żewġ stati, u għalhekk bosta Taljani, għal dan il-ġest, lil Piju IX faħħruh u għollewh.

Imma l-Hosanna tal-1846, inbidlet fi Crucifige proprju sentejn wara, fl-1848, meta r-rivoluzzjonarji u l-mażunerija ħabtu għal diversi organizzazzjonijiet ta' l-istat u qatlu lill-ministru tal-Papa, li kien il-konti Pellegrino Rossi. Il-Papa Piju IX ra li l-ħajja tiegħu kienet fil-periklu u għalhekk aċċetta l-parir li tawh u ħarab bil-moħbi lejn il-belt ta' Gaeta fir-Renju ta' Napli. Dam hemm hekk sentejn, sa l-1850, meta, bil-għajnuna ta' l-eżerċtu Franċiż, il-belt ta' Ruma ġiet ikkontrollata u r-rivoluzzjonarji mixħuta l-ħabs.

Però, ma damx wisq li reġa' nqala' l-inkwiet, għaliex għaxar snin wara, fl-1860, l-artijiet tal-Istat Pontifiċju, ġew mirbuħa mir-riġmenti taljani u magħqudin mar-renju ta' l-Italja. Kien għad fadal biss il-belt ta' Ruma; iżda fl-1870, is-swar tagħha ġew attakkati u l-Papa, biex ma jkunx hemm tixrid ta' demm, ordna lis-suldati tiegħu biex ma jikkumbattux. Għalhekk huwa sab ruħu magħluq priġunier fil-Vatikan.

Il-Gvern Taljan ta' dak iż-żmien, bil-liġi hekk imsejħa tal-Gwarantiġji tal-1871, ried jiggarantixxi l-libertà lill-Papa u ried jagħtih ukoll kumpens tal-palazzi, tal-knejjes u tat-territorju li kien ħadlu. Il-Papa ma aċċettax għaliex qal illi, għall-ġid tal-Knisja Kattolika, hemm bżonn illi kulħadd ikun persważ li l-Papa mhux il-Kappillan tar-Re ta' l-Italja u mhux sudditu tal-Gvern Taljan, imma li huwa ndipendenti minn kull gvern. Sabiex il-Papa jkun tabilħaqq indipendenti u liberu, hemm bżonn li jkollu t-territorju tiegħu, hemm bżonn almenu li jkollu roqgħa art illi fiha ma jindaħallu ħadd.

www.ubqozo.catholic.org.mt

Kien propju dan il-prinċipju li għalih il-Papa Piju IX ingħalaq fil-Vatikan u l-papiet ta' warajh dejjem osservawh u baqgħu b'relazzjonijiet miksura mal-gvern Taljan, sakemm sar konkordat fl-1929.

IL-PAPA JMUT, IL-KNISJA TIBQA'

Wara l-1870 il-Papa ħaj ma ħareġ qatt mill-Vatikan; ħareġ mejjet xi snin wara mewthu. Huwa kien ħalla fit-testment tiegħu li jiġi midfun fil-Bażilika ta' San Lawrenz "Fuor le mura". Kien diffiċli ħafna li wieħed jasal fi ftehim mal-gvern Taljan, gvern anti-klerikali biex it-traslazzjoni tal-katavru ta' Piju IX issir bis-solennita' li jixirqilha. Għalhekk l-awtoritajiet tal-Vatikan iddeċidew illi l-Katavru ta' Piju IX minn San Pietru għal San Lawrenz fuor le mura jinġarr bil-lejl u kemm jista' jkun f'forma privata. Għal darb'oħra l-mażuni u l-anti-klerikali wrew il-mibgħeda tagħhom lejn il-Papa umli u qaddis, il-għaliex fuq il-pont ta' Sant'Anġlu huma attakkaw il-korteo funebri bil-ħsieb li jaħtfu t-tebut bil-katavru ta' Piju IX ħalli jitfgħuh fix-xmara Tevere. Il-ħsieb malin ta' l-għedewwa tal-Knisja ma rnexxiex. Huma kienu jaħsbu u jittamaw li Piju IX kellu jkun l-aħħar PaPa tal-Knisja ta' Kristu. Imma l-Papa jmut u l-Knisja ta' Kristu tibqa' dejjem ħajja.

Dan il-Papa ħallielna eżempju mhux biss ta' umiltà u ta' tjubija, imma wkoll ta' kuraġġ, u ta' qawwa quddiem il-forzi tal-ħażen. Wieħed mill-istoriċi meta jiddeskrivi l-ħajja ta' Piju IX jgħidilna li hija tixbaħ lil warda pero iktar fiha xewk milli petali. Il-Pontifikat ta' Piju IX iktar kien fih slaleb milli kien fih konsolazzjonijiet.

Għaddew mitt sena mill-mewt tiegħu u propju llum aħna qegħdin infakkru dana it-transitu ta' Piju IX illi ġara fis-7 ta' Frar 1878. Imma għad li għadda dan iż-żmien kollu dejjem nistgħu nitgħallmu xi ħaġa minn dawn il-ġrajjiet.

Hemm bżonn li jkollna s-sens ta' l-istorja, jiġifieri jeħtieġ li ma narawx biss il-ġrajjiet tal-lum, imma nqabbluhom mal-ġrajjiet tal-imgħoddi. L-Istorja isejħulha "mgħallma tal-ħajja" imma disgrazzjatament ftit huma l-istudenti illi jogħodu għat-tagħlim ta' din l-imgħallma hekk għarfa u hekk prudenti. Mill-istorja ta' Piju IX aħna nitgħallmu u nipperswadu ruħna illi l-persekuzzjoni għall-Knisja Kattolika ma bdietx fi żmienna, ma bdietx illum. Il-persekuzzjoni u t-taħbit kontra l-Knisja ta' Kristu ilu li beda, u proprju l-ħajja ta' Piju IX hija eżempju l-iktar ċar ta' dan li għidna. Iżda hemm il-kelma ta' Kristu: "Is-setgħat ta' l-infern ma jegħlbuhiex". Id-dgħajsa ta' Pietru tibqa' dejjem f'wiċċ il-baħar għad li xi drabi tkun imdawwra mill-ħalel tal-biża'.



Konċelebrazzjoni Pontifikali li saret f'din l-okkażjoni fil-Katidral

Zmien il-Francizi mid-Dokumenti ta' Palermu

XEWQA TA' DJOCESI U TA' TRIBUNAL TA' L-APPELL F'GHAWDEX F'TALBA MQIEGHDA HAZIN MILL-ARCIPRIET CASSAR FIS-SENA 1800

Minn ALEXANDER BONNICI O.F.M. Conv.

Ftit taż-żmien ilu, kont ktibt biex fissirt li, għalkemm Għawdex kellu jistenna ħafna snin oħrajn biex ikollu l-Katidral tiegħu, ix-xewqa kienet ħajja għallanqas sa minn żmien l-okkupazzjoni franċiża. (1) Sejjer nerġa' naqbad f'idejja dokumenti tal-Biblijoteka Komunali ta' Palermu li ġbart fil-mawra tiegħi f'din il-belt ta' Sqallija. Dak li jiena ktibt fuqu kien bħal daħla. Dak li sejjer nikteb fuqu hawn, jitfa' dawl ieħor biex ifisser x'kienu r-raġunijiet li minħabba fihom it-talba ta' l-Arċipriet tal-Kolleġġjata ta' l-Assunta ma ġietx milqugħa. L-Arċipriet Dun Saver Cassar, minbarra li mexxa l-Knisja l-aktar importanti ta' Għawdex, kien ukoll il-Kap tal-Għawdxin, u sata' jitkellem f'isimhom quddiem ir-Re Ferdinandu III ta' Sqallija. Imma t-talba tiegħu kellha xi difetti u kienet fi żminijiet li ma kenux adattati.

Lejn tifsira aħjar

Kollox juri li, anki l-bidu tas-seklu XIX, ma jara l-ebda Knisja li jixirqilha l-ġieħ ta' Katidral ħlief il-Kolleġġjata ta' l-Assunta. U ta' min jinnota wkoll li hi titqies importanti, mhux għall-ġrajjiet ta' l-istorja li hawn il-kittieb bla ma jiċħadhom ma jridx jidħol fihom, imma għall-qagħda attwali tagħha. (2)

Madankollu, billi f'dawn l-aħħar xhur inkiteb xi ħaġa li donnu ried jagħti x'wieħed jifhem xi affarijiet li xejn ma jikkorrispondu mal-kontenut tad-dokumenti, nixtieq niċċara żewġ punti li jgħinuna biex nifhmu aħjar il-kontenut ta' xi dokumtnt qadim.

Fi ftuħ is-sena 1978, John Bezzina ppubblika artiklu bit-titlu *"Il-Bini tal-Knisja ta' San Ġorġ: 1506-1678"*. (3) Jiena ħadt gost li ġieb id-dokument li kien instab minn ħaddieħor fil-kelmiet eżatti tiegħu. Il-kitba turi li San Ġorġ kien jeżisti bħala Parroċċa fis-sena 1506. Imma dak id-dokument bl-ebda mod ma jipprova li San Ġorġ kien qed jinbena mill-ġdid fis-sena msemmija. Lil John Bezzina ġralu sempliċement li ma fehemx il-Latin tad-dokument. Il-kelmiet *"Pro fabrica"* ma jfissrux *għall-bini* fis-sens li ħadu hu. Il-kelma 'fabrica', fl-użu komuni tagħha, tfisser sempliċement kostruzzjoni, u mhux xi ħaġa li qed tinbena. B'daqshekk ma jfissirx li San Ġorġ ma nbeniex xi darb'oħra qabel dik is-sena; imma dan irid jiġu ppruvat b'dokumenti oħrajn.

Il-Proto-parroċċa

Ma neħux gost naqbad f'idejja xi diskussjoni dwar il-Protoparroċċa ta' Għawdex. Għas-serjetà ta' kull knisja, din hi kelma li għandha tintesa għaliex qatt ħadd għadu ma pprova bil-qawwa ta' xi dokument li xi Knisja hi l-ewwel waħda u, wisq inqas, hi l-ewwel parroċċa. Għalhekk, f'għajnejn dawk li jħobbu l-istorja, min qed jagħmel ħiltu biex jikkonvinċi b'fatt li hu stess ma għandux biex jippruvah qed jiġrilu li jġiegħel 'il min jiddubita anki mill-kitbiet l-oħrajn tiegħu: li tant drabi huma ta' min japprezzahom.

---

1. Ara Alexander Bonnici, *It-Talba lir-Re Ferdinandu III ta' Sqallija biex Għawdex jinqata' fi Djoċesi għalih* fl *L-Għid ta' l-Assunta,* n.12 (1977), pp. 2-8.
2. *Ib,,* p. 7.
3. *Il-Bini tal-Knisja ta' San Ġorġ:* 1506-1678 fil-ħarġa *Il-Bażilika Proto-Parrokkjali San Ġorġ Martri: Ħidma, Storja, Tagħrif,* n. 4, 1978, pp. 17-25, 28-40. Id-dokument hawn imsemmi qiegħed f'p.17.

www.gozocathedral.org.mt



Dettal mill-Knisja Katidrali

Għamel sewwa ħafna John Bezzina fl-imsemmi artiklu (4) meta ma ttantax jagħmel xi traduzzjoni ta' dik l-iskrizzjoni ta' San Ġorġ li l-oriġinal tagħha għadu jeżisti. Għalhekk, jiena ma nakkużak bl-ebda żball. Irrid sempliċement niftaħ għajnejn il-qarrejja biex ma jiġrilhomx li jaqgħu għal xi konklużjonijiet żbaljati.

Għandi f'moħħi dik l-iskrizzjoni li fiha l-kelma *"Protoparrochi"*. De Soldanis kien kiteb din l-iskrizzjoni fl-istorja tiegħu, u Mons. Farrugia daħħalha fit-traduzzjoni tiegħu. Imma anki lil dawn deħrilhom li aħjar ma jissugrawx jagħtu traduzzjoni. (5) Jiena ma inhix xi speċjalista tal-latin bħalma kien Mons. Farrugia; imma jkolli nistqarr li t-tifsira ta' l-iskrizzjoni hi xi ftit stramba. Min kiteb dik l-iskrizzjoni, bil-kelma *"Protoparrochi"*, b'mod figurattiv, ried iqis lil Kristu nnifsu bħala l-ewwel Kappillan. Skond l-iskrizzjoni, San Ġwann Battista hu l-Prekursur ta' Kristu: l-ewwel Kappillan! Għalhekk, fl-iskrizzjoni, ma hemm l-ebda rabta mal-Kappillan ta' xi parroċċa.

Żminijiet koroh

Wara li tbegħidna xi ftit mid-dokumenti li għandi f'idejja, nergħu nersqu iżjed fil-qrib ta' żmienna, u naslu sa żmien l-okkupazzjoni franċiża. Aktar ma għadda ż-żmien, aktar inħass il-bżonn li l-Kolleġġjata ta' l-Assunta ta' Għawdex tiġi mgħollija għall-gieħ ta' Katidral. Imma dawk iż-żmenijiet tal-Franċiżi kienu koroh wisq. L-Ewropa kienet qed tħares bl-ikraħ lejn Napuljun. Il-gżejjer tagħna leġittimament kienu ta Ferdinandu III ta' Sqallija, u mhux ta' Napuljun.

It-talba ta' l-Arċipriet Cassar kienet kontradittorja. Il-bżonn tad-djoċesi nħass ħafna iżjed proprju għaliex Malta kienet iddominata mill-Franċiżi. U d-djoċesi ma setgħetx tingħata għaliex it-taħwid taż-żminijiet ma kenux jippermettu t-twaqqif ta' djoċesi ġdida. Hu minnu li l-Arċipriet Cassar kien qed igawdi kull rispett min-naħa ta' l-Awtoritajiet Ċivili ta' Sqallija. Imma d-dinjità tiegħu ta' Gvernatur kienet bla saħħa. Malli t-talba tiegħu waslet Palermu, din bdiet tiġi eżaminata. L-Awtoritajiet tas-saltna fehmu tajjeb li l-ġejjieni tal-gżejjer tagħna kien inċert għal kollox. Imma huma kienu wkoll konvinti li Malta u Għawdex kienu sejrin jerġgħu jkunu ta' Sqallija, u b'rabta kbira ma' Palermu.

Hu fatt magħruf li Malta u Għawdex qatt ma kienu ħallew għal kollox ir-rabta tagħhom minn ma' Sqallija matul iż-żmien li fih il-Kavallieri ta' San Ġwann kienu Malta. Imma l-Kavallieri kellhom sens kbir ta' indipendenza. Ir-rappreżentanti tar-Re donnu kien ħa r-ruħ għall-fatt li l-Kavallieri spiċċaw minn Malta. B'hekk, Sqallija, f'isem Spanja, setgħet terġa' tibda taħkem tassew fuq Malta u Għawdex. Il-kittieb jagħti x'wieħed jifhem li l-gżejjer tagħna fil-prattika ma kenux iżjed ta' Sqallija matul iż-żmien tal-Kavallieri.

---

4. *Ib.*, p. 39
5. *Għawdex bil-Ġrajja Tiegħu*, v. II (1953), p. 48.

www.gozocathedral.org.mt

GRAJJIET IMPORTANTI MATUL IS-SENA

8 - 8 - 77 : sar pageant dwar il-ħajja tal-Madonna li ġie mtella' miż-żgħażagħ tal-parroċċa; kitba u produzzjoni ta' A. Scicluna.

10 - 8 - 77 : saret "Lejla Kulturali" li fiha nqraw bosta poeżiji sbieħ minn diversi membri tal-kommunità parrokkjali, u ndaqqu bċejjeċ mużikali ta' Mro. John Vella. Il-mużika kienet taħt id-direzzjoni tal-Mro. di Cappella, il-Kan. Martinu Portelli.

15 - 8 - 77 : Jum Santa Marija: minn kmieni fil-għodu, folol ta' nies, minn kull rokna tal-gżejjer maltin, żaru l-Knisja Katidrali. Wara l-konċelebrazzjoni, tkanta t-"Te Deum" b'radd il-ħajr lil Alla fl-okkażjoni ta' egħluq it-tieni sena mill-Inkoronazzjoni tax-xbieha ta' l-Assunta meqjuma fil-kwadru titulari.

15 - 8 - 77 : il-familja Theuma, irregalat l-abbozz tal-Fonti tal-Magħmudija biex jitpoġġa fil-Mużew tal-Katidral.

1 - 9 - 77 : il-familja Cilia ħallset l-istand tal-ħadid li tqiegħed quddiem l-istatwa tar-Redentur biex, fl-istess stand, jitpoġġew fjuri u xema'.

22 - 9 - 77 : ta' kull sena, f'din il-ġurnata, jitkanta t-"Te Deum" fil-konċelebrazzjoni konventwali, b'tifkira ta' meta l-Papa Piju IX, fit-22/9/1864, għażel lill-Matriċi t'Għawdex bħala l-Knisja Katidrali, li nistgħu nsejħulha l-benniena tar-Reliġjon Nisranija fil-Gżira tagħna.

24 - 9 - 77 : saret il-quddiesa għall-Katekisti bħala tħejjija għas-Sena tad-Duttrina 1977-78.

25 - 9 - 77 : tħabbar il-proġett tal-bini ta' sitt klassijiet tad-duttrina fiċ-Ċentru tal-Mużew tan-Nisa, ta' Triq Palma.

2 - 10 - 77 : saret il-purċissjoni bl-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju li għaliha attendew bosta nies.

3 - 10 - 77 : beda t-tagħlim tad-duttrina fiċ-Ċentri kollha tar-Rabat; f'dawn iċ-Ċentri, l-Arċipriet jagħmel żjajjar ta' spiss u regolari biex jagħti lezzjonijiet tal-katekiżmu.

11 - 10 - 77 : ħabat il-261 anniversarju minn meta l-Isqof Ġakbu Cannaves ikkonsagra l-Matriċi tal-Kastell, illum il-Katidral tad-Djoċesi; din hija l-ewwel knisja li ġiet ikkonsagrata f'Għawdex.

21 - 10 - 77 : fil-Katidral saret il-festa ta' S. Ursula, Kompatruna tad-Djoċesi, u li lejha missirijietna kellhom devozzjoni speċjali.

22 - 10 - 77 : fetħet ġimgħa għaż-żgħażagħ li fiha saru bosta attivitajiet li jolqtu lil dawn iż-żgħażagħ. Fl-istess żmien, inżammet "mini-missjoni" għaż-żgħażagħ.

17 - 11 - 77 : żar il-Katidral, il-coach tal-football ta' fama internazzjonali, He-

www.gozocathedral.org.mt

lenio Herrera.
bdew il-priedki ta' l-Avvent minn P. Alfred Pitre' S.J.
27 - 11 - 77 : gie ppubblikat il-kalendarju tal-parroċċa għat-tmien sena.
10 - 12 - 77 : bdiet in-Novena Biblika bis-suġġett "Il-Kristoloġija fil-Liturġija ta'
16 - 12 - 77 : l-Avvent"; matul in-novena, saru bosta attivitajiet.
deher fuq it-Television Malti, il-pageant tal-Milied imtella' mit-tfal
22 - 12 - 77 : tal-parroċċa tal-Katidral; din kienet l-ewwel darba li tfal minn
parroċċa t'Għawdex ippreżentaw programm simili.
qabel bdiet il-Konċelebrazzjoni Pontifikali tal-Lejl tal-Milied, il-Kor
25 - 12 - 77 : "Maria Assunta" offra programm ta' kant ta' "carols" fuq il-presbi-
terju tal-Katidral.

28 - 12 - 77 : il-kommunità parrokkjali tal-Katidral, offriet "party" lix-xjuħ ri-
koverati fl-Isptar Craig; waqt il-party, ħa sehem il-kor "Maria As-
sunta" bil-kant ta' "carols".

28 - 1 - 78 : Mons. Arċipriet Scicluna, f'isem il-kommunità parrokkjali tal-Ka-
tidral, ippreżenta kwadru li jġib ix-xbieha ta' l-Isqof Mons. Nikol
Cauchi lill-istess Isqof Cauchi; dan il-kwadru huwa xogħol artistiku
tal-Kav. Paul Camilleri Cauchi.

2 - 2 - 78 : saret il-Via Lucis, ċerimonja ħelwa li fiha Kristu, li l-Madonna ġa-
bet fid-dinja, jiġi muri bħala d-DAWL TAD-DINJA.

19 - 2 - 78 : Mons. Isqof Cauchi mexxa quddiesa konċelebrata flimkien mal-Ka-
pitlu tal-Katidral u rappreżentanza tal-Kleru t'Għawdex, f'egħluq
il-mitt sena mill-mewt tal-Papa Piju IX, li kien għolla l-Matriċi
għad-dinjità ta' Katidral; il-Papa Piju IX miet fis-7 ta' Frar, 1878.

25 - 2 - 78 : sar pellegrinaġġ penitenzjali għas-Santwarju Bażilika Ta' Pinu;
ġemgħa kbira mill-kommunità parrokkjali ħadet sehem f'dan il-
pellegrinaġġ li ntemm b'konċelebrazzjoni.

5 - 3 - 78 : infetħet il-Ġimgħa ta' l-Eżerċizzi Spiritwali li f'din is-sena saru
mill-E.T. Mons. Isqof Nikol Cauchi.

17 - 3 - 78 : inżammet il-Via Matris matul it-telgħa tal-Kastell, fl-okkażjoni tal-
festa tad-Duluri.

19 - 3 - 78 : bdew il-funzjonijiet tal-Ġimgħa Mqaddsa; fil-għaxija, minħabba li
t-temp kien ħażin, il-purċissjoni tal-Passjoni ma saritx.

23 - 3 - 78 : għadd kbir ta' saċerdoti mid-Djoċesi, ikkonċelebraw ma' Mons. Isqof
fil-quddiesa tat-tberik taż-Żjut Imqaddsa.
Fil-għaxija, fl-istess jum, saru ż-żjajjar lis-Sepulkri.

24 - 3 - 78 : Jum il-Ġimgħa l-Kbira: fil-għodu saru żjajjar lis-Sepulkri fil-par-
roċċi ta' l-irħula.
għall-funzjoni ta' l-adorazzjoni tas-Salib, kommunità kbira ħadet
sehem.

26 - 3 - 78 : beda t-tberik tad-djar mill-membri tal-Presbiterju Parrokkjali.
16 - 4 - 78 : inżammet, għall-ewwel darba, il-Ġimgħa tal-Parroċċa, li fiha saru
attivitajiet speċjali.

18 - 4 - 78 : is-Sur Anton Farrugia, President ta' l-"Aurora Youth Movement",
offra lil Dun Manwel Curmi — l-inkarigat ekkleżjastiku mill-inka-
paċitati t'Għawdex — iċ-ċavetta ta' garage għall-Mini-Bus ta' l-is-
tess inkapaċitati. Is-somma ta' £M1.700 ġiet miġbura mill-"Aurora
Youth Movement", għaqda kulturali u filantropika fi ħdan il-kom-
munità parrokkjali tal-Katidral.

19 - 4 - 78 : f'ħinijiet differenti, l-Arċipriet iltaqa' mat-tfal ta' l-Ewwel Tqarbina

www.gozocathedral.org.mt

u l-ġenituri tagħhom, kif ukoll mat-tfal tal-Griżma ta' l-Isqof, flimkien mal-ġenituri u parrini tagħhom.

20 - 4 - 78 : żar il-Katidral, l-Em.za Tiegħu l-Kardinal Paul Loungrana, Arċisqof ta' Quagadougon, fl-Afrika.

23 - 4 - 78 : għalqet il-Ġimgħa tal-Parroċċa b'konċelebrazzjoni li kienet immexxija minn Mons. Arċipriet li wera l-ħtieġa tal-korresponsabilta' għattmexxija tal-parroċċa. F'din l-okkażjoni l-Għaqdiet ta' l-Apostolat tal-Lajċi u ċ-Ċentri tad-Duttrina offrew rigal spiritwali lill-Arċipriet.

30 - 4 - 78 : bdiet il-Ġimgħa Ewkaristiko-Liturġika b'quddiesa konċelebrata.

3 - 5 - 78 : inżammet l-Ewwel Tqarbina tat-tfal minn Mons. Isqof: it-tfal ġew mogħtija rigal sabieħ b'tifkira ta' din l-okkażjoni minn Mons. Arċipriet.
fl-istess jum, filgħaxija, sar kunċert bl-orgni, mill-organista magħruf, Mons. Alfonso Santi Meli ta' Messina.

4 - 5 - 78 : Mons. Isqof Nikol Cauchi amministra l-Griżma ta' l-Isqof lil bosta tfal mill-Parroċċa li ġew mogħtija rigal ta' l-okkażjoni mill-Arċipriet.

5 - 5 - 78 : Mons. Isqof ta l-ministeri tal-Lettorat u ta' l-Akkolitat lil diversi seminaristi.

7 - 5 - 78 : għalqet il-Ġimgħa Ewkaristiko-Liturġika b'purċissjoni Ewkaristika li għaliha attendew ħafna nies mill-kommunita' parrokkjali.

12 - 5 - 78 : Mons. Arċipriet Carmelo Scicluna telaq lejn il-Kanada u l-Amerika fuq missjoni pastorali, speċjalment fost l-emigranti tal-parroċċa.

20 - 5 - 78 : il-kor "Maria Assunta" offra s-servizz tiegħu fil-parroċċa tal-Munxar fl-okkażjoni ta' egħluq il-25 sena mill-ordinazzjoni saċerdotali ta' Monsinjur Ġużeppi Curmi.

25 - 5 - 78 : żar il-Katidral l-Arċisqof Innoċenti, Prelat għoli tal-Kurja Rumana.

27 - 5 - 78 : Mons. Isqof mexxa konċelebrazzjoni għar-ruħ l-Onor. Aldo Moro li safa maqtul mill-Brigate Rosse.

25 - 6 - 78 : żar il-Katidral l-Em.za Tiegħu l-Kardinal Silvio Oddi.

28 - 6 - 78 : Mons. Isqof, waqt quddiesa konċelebrata, amministra s-Sagramenti tal-Griżma ta' l-Isqof, ta' l-Ewwel Tqarbina u tal-Magħmudija lil Joseph, Tony u Mario rispettivament, ilkoll ulied Mr. & Mrs. Vincent Grech.

15 - 7 - 78 : żar il-Katidral l-Em.za Tiegħu l-Kardinal Ermenegildo Florit.

GĦALL-AQWA FLIELES, BROILERS JEW GĦAWWIETAQ TAD-DITTA

S H A V E R

PJANTI TA' ĠEWWA, SIĠAR, MEDIĊINI, TJUR U ANNIMALI ŻGĦAR,

Irrikorru għand:

ALMAR PET SHOP

NINU CREMONA STREET, VICTORIA, GOZO
(Ħdejn Villa Rundle)

www.gozocathedral.org.mt

Kronaka tal-Parr

Saru Membri ġodda tal-Knisja bil-Magħmudija:-

Nru.	Data tal-Magħmudija	Isem tat-Tarbija	Isem u Kunjom il-Ġenituri
1.	14 - 8 - 77	Helen	Anton u Maria Micallef
2.	4 - 9 - 77	Albert	Francis u Emanuela Lupi Spencer
3.	7 - 9 - 77	Evlyn	Joseph u Ġeltrude Bezzina
4.	16 - 9 - 77	Andrew John	Ġorġ u Vivienne Grech
5.	16 - 9 - 77	Marc	Peter u Coronata Heatley
6.	18 - 9 - 77	Robert	Duminik u Miriam Attard
7.	18 - 9 - 77	Jennifer	Duminik u Miriam Attard
8.	23 - 9 - 77	Maria Assunta	Manwel u Carmela Gauci
.9	30 - 9 - 77	Stephen	John u Adreana Spiteri
10.	1 - 10 - 77	Natasha	Carmelo u Josephine Sillato
11.	7 - 10 - 77	Gordon	Karistu u Maria Grech
12.	7 - 10 - 77	Maria	Carmelo u Ġulietta Attard
13.	16 - 10 - 77	Sylvana	Vincent u Rita Camilleri
14.	23 - 10 - 77	Georgine	Anton u Ġuża Grech
15.	6 - 11 - 77	Edward	Anton u Carmen Cordina
16.	6 - 11 - 77	Bernice	Peter u Ġorġa Muscat
17.	18 - 11 - 77	Denis	Effie u Lwiġia Mompalao
18.	25 - 11 - 77	Miriam	Anton u Tessie Grech
19.	27 - 11 - 77	Saviour	Anton u Gracie Vella
20.	27 - 11 - 77	Edwin Mario	John u Maria Lanzon
21.	18 - 12 -77	Carmelo	Ġorġ u Rita Bugeja
22.	11 - 10 - 77	Michael	Coronato u Agnes Vella
23.	18 - 12 - 77	Christine	Saviour u Maria Vella
24.	25 - 12 - 77	Kevin	Manwel u Maria Galea
25.	1 - 1 - 78	Sarah	Carmelo u Susan Azzopardi
26.	7 - 2 - 78	Maureen Anne	Pawlu u Carmen Camilleri
27.	9 - 2 - 78	Joseph	Anton u Hilda Farrugia
28.	12 - 2 - 78	Odette	Stephen u Josephine Farrugia
29.	19 - 2 - 78	Anette	John u Emanuela Grech
30.	12 - 3 - 78	Joseph	M.Angelo u Antonia Mizzi
31.	9 - 4 - 78	Alexandra	Frank u Adelina Attard

www.gozocathedral.org.mt

rocca

1 ta' Awissu 1977
31 ta' Lulju 1978

32.	8 - 5 - 78	Ġwann Giacomo	Carmelo u Antonia Vella
33.	9 - 5 - 78	Francene	Paul u Silvia Lanzon
34.	23 - 5 - 78	Mary Rose	Ġorġ u Maria Sciberras
35.	28 - 5 - 78	Mario	Ġorġ u Carmela Mercieca
36.	28 - 5 - 87	Charmain	Ewkaristu u Antonia Attard
37.	1 - 6 - 78	Joseph	Carmel u Lucy Portelli
38.	2 - 6 - 78	Antiella	Mario u Ann Grech
39.	2 - 6 - 78	Louis	Alfred u Mary Jane Cordina
40.	18 - 6 - 78	Mario	Laura Farrugia
41.	28 - 6 - 78	Maria	Vincent u Maria Grech
42.	5 - 7 - 78	Abigail	Carmelo u M'Josette Camilleri
43.	5 - 7 - 78	Derrick	Paul u Ina Pisani
44.	19 - 7 - 78	Mario	Coleen u Antoinette Apap
45.	23 - 7 - 78	Elisabeth-Louise	John u Veronica Grech

Dawk li f'din is-Sena daħlu jissaffew fil-Purgatorju:-

Lulju: Roża Mizzi, Domenicus Grech.
Awissu: Maria Vella, Catherina Saliba, Carmelo Grima.
Settembru: Maria Grech, Carmelo Xerri, Joseph Attard.
Ottubru: Evanġelista Bugeja.
Novembru: Theodora Gauci.
Diċembru: Emanuel Vento, Maria Giovanna Grech, Carmelina Grech.
Jannar: Ruġġieru Gatt, Feliċ Vella, Gorġa Apap.
Frar: Mikelina Camilleri, Carmelo Enriquez.
Marzu: Salvu Bonnici, Carmela Grech.
April: Katarina Grech
Mejju: Joseph Galea ,Michelangela Caruana.
Ġunju: Saver Farrugia.
Lulju: Maria Bondin, Ċelest Vella, Ġużeppa Mercieca.

Dawk li daħlu għall-prokreazzjoni u t-trobbija tal-ulied bis-Sagrament taż-Żwieġ:-

Awissu: Pawlu Pisani u Ġeorġina Zammit; Anton Azzopardi u Maria Grech; Francis Azzopardi u Frances Grech;
Settembru: Anton Xuereb u Annunziata Bezzina;
Novembru: Joseph Mizzi u Rita Formosa; Joseph Tabone u Miriam Portelli;

www.gozocathedral.org.mt

Diċembru:	Joseph Sultana u Josephine Mercieca;
Jannar:	Carmelo Grech u Tereza Farrugia; Ġorġ Saliba u Eugene Scicluna;
April:	Carmelo Galea u Grace Mizzi; Aldo Grech u Mari Caruana;
Mejju:	Manwel Bajada u Pauline Attard;
Lulju:	Carmelo Spiteri u Maria Debattista; Raymond Galea u Lora Vella; Salvu Tabone u Carmen Gatt.

Tfal li bdew jieħdu Sehem Sħiħ fiċ-Ċelebrazzjoni Ewkaristika bl-Ewwel Tqarbina:

Subien: Abela John, Attard Raymond, Bonnici Mark, Buttigieg Christopher, Camilleri Philip, Cordina Charlie, Camilleri Christopher Dimech Kristen, Cordina Paul, Fenech John, Gauci Charles, Grech Max, Gatt Jason, Grech Mario, Grech Joseph, Gauci Joseph, Galea Charles, Hili Silvio, Mercieca Saviour, Portelli Julian, Muscat Jesmond, Pace Michael, Sciberras Laurence.

Bniet: Borg Julie, Cassar Claudia, Cassar M'Grace, Calleja Louise, Cordina Doreen, Debono Ruth, Farrugia Charlene, Farrugia Marion, Mifsud Abigail, Mejlak Miriam, Magro Daniella, Mejlak Marionne, Mejlak Nataline, Farrugia Marion, Portelli Vivienne, Refalo Moira, Spiteri Pauline, Spiteri Marie Georgette, Saliba Pauline, Sultana Josienne.

Tfal li ġew Ikkonfermati fil-Maturità Nisranija bil-Griżma ta' l-Isqof:-

Subien: Agius Raymond, Debrincat Noel, Debrincat George, Farrugia Martin, Grech Mark, Grech Robert, Mizzi Sunny, Pisani Joseph, Saliba Tonio, Vella Martin, Xuereb Max, Zammit Raymond.

Bniet: Attard Marlene, Bezzina Laura, Calleja Michelle, Cardona Marlene, Cordina Mary, Curmi Maria, Farrugia Lorraine, Farrugia Josepha, Fenech Mariella, Grech Karen, Galea Rose, Mercieca Silvia, Pace Grace, Pisani Maria, Refalo M'Rose, Vella Frances, Vella Muscat Roberta, Vella Muscat Diane, Xerri Rose, Zammit Frances, Zammit Tania.

NHEGGU LIL KULHADD

GHALL-QRAR U T-TQARBIN

F'JUM

SANTA MARIJA

www.gozocathedral.org.mt

MONSINJUR ARCIDJAKNU LWIGI VELLA D.D. HAMSIN SENA WARA MEWTU

Mhux minnu li t-tama l-aħħar dija li tmut ma taħrabx ukoll mill-oqbra mħarsin mill-Anġlu tal-qawmien li mit-tromba tad-deheb iżarżar in-nifs ta' ħajja ġdida lil dawk li mietu fit-tama eskatoloġika, għaliex mhux kollu kemm hu l-bniedem jitkebbeb fid-dalma sfieqa tan-Nessejja. Il-ġisem tal-bniedem jintemm fit-trab ta' l-art, imma ħidmietu favur il-promozzjoni ta' min hu mżejjen bid-dehen u r-raġuni tibqa' għal dejjem bħalma dejjiema l-għanja li toħroġ tbaqbad mill-qalb tal-poeta kull meta tidħaklu l-Muża.

U għalkemm għaddew ħamsin sena minn meta l-Arċidjaknu tal-Katidral t' Għawdex, Mons. Lwiġi Vella, temm dan il-wied tad-dmugħ sewwa sew fis-17 ta' Lulju 1928, madankollu l-ħidma tiegħu bħala kittieb, saċerdot u professur tat-Teoloġija Dommatika fis-Seminarju għada u tibqa' tinħass, u aħna stess għadna nduqu mill-benna u mill-ħlewwa tagħha. U hekk kif mill-qamħa bil-mewt toħroġ l-iżbula, hekk ukoll mill-qabar ta' Monsinjur Vella nfetħet nixxiegħa li minnha jfawwar dejjem ilma ta' tagħlim fejjiedi.

Il-kitba ta' l-Arċidjaknu Vella

Skond l-ex-mexxej tal-Partit Kommunista Taljan, Palmiro Togliatti, il-kitba ta' Giovanni Guarreschi għamlet ħsara lill-ideoloġija kommunista aktar milli għamlet lill-Italja l-8th Army Amerikana fi żmien l-aħħar gwerra dinjija. Il-kitba ta' xeħta spiritwali u axxetika ta' l-Arċidjaknu Vella ġabet ukoll fix-xejn it-tagħlim qarrieqi ta' żmienu. Difatti mill-kitba tiegħu wieħed jinduna li f'Dun Alwiġ kien hemm mhux il-qawwa li teqred, imma s-setgħa li ġġedded; mhux il-ħila li tfarrak lil dawk li ma jaqblux ma l-opinjoni tiegħek imma l-kapaċita' li miċ-ċkejken tnissel il-kbir; mhux l-l-attitudini li tikkuntenta bil-medjokrità imma l-imġieba li mit-tajjeb tislet l-aħjar. Fuq kollox, fil-kitba tiegħu, Monsinjur Vella fettex li jibni u mhux li jħott, li jeduka u mhux li jħassar il-qalb, li jifforma l-karattru tal-bniedem u mhux li jfarrku. Fil-kitba tiegħu, Dun Alwiġ Vella wera biċ-ċar li l-Poplu t'Alla jeħtieġ li jkun poplu matur ta' konvinzjonijiet u mhux ta' konformazzjonijiet, ta' nobiltà morali u mhux ta' rispett uman li jikkundizzjona lil moħħu u lir-riġlejh biex jimxu dejjem fuq ir-ritmu ta' l-istatus quo. Fost il-publikazzjonijiet reliġjużi tiegħu, ta' min isemmi hawnhekk - li jagħtu xhieda sħiħa ta' li għidna - il-kotba fuq il-Passjoni ta' Kristu, b'riflessjonijiet mill-isbaħ għal kull xahar tas-sena, u l-kotba "Siegħat Ta' Adorazzjoni" trattat profond fuq l-Ewkaristija. U barra dawn, għadd ta' publikazzjonijiet oħra fuq suġ-

www.gozocathedral.org.mt

ġetti reliġjużi.

Iżda Mons. Vella kien ukoll kittieb ta' l-istorja ta' art twelidu. Għaż-żmien li fih kien jgħix, huwa ta kontribut mhux ċkejken f'dan il-qasam. Wieħed ma jridx jinsa li l-istudjusi ta' l-istorja fil-bidu ta' dan is-seklu ma kellhomx l-istess faċilitajiet li għandhom l-istoriċi ta' żmenijietna biex jagħmlu riċerki meħtieġa ħalli l-kitba tagħhom tkun dokumentata. L-esperti t'Għawdex f'din il-materja kienu għadhom ferm 'l bogħod biex jaslu ħalli jibnu l-kitba tagħhom storika fuq il-kriterji xjentifiċi. Madankollu, l-ħidma ta' Mons. Vella f'dan il-qasam tixhed biċ-ċar il-kapaċità intelletwali tiegħu l-għaliex, għalkemm huwa kien imċaħħad minn dawk il-mezzi li toffri l-era teknika ta' żmenijietna biex issawwar kotba ta' l-istorja fuq livell xjentifiku, pero' xorta waħda fil-publikazjonijiet storiċi tiegħu ħalla lill-istoriċi ta' warajh matmura fejn il-moħħ tagħhom isib ikel mill-aħjar biex huma jiffurmaw l-istudji tagħhom skond ma jitolbu l-eżiġenzi xjentifiċi tad-dinja tal-lum. Fost il-publikazzjonijiet insemmu b'eżempju: "Fernandu Montagnes"; "Bernardo Depuo"; "Isolda: Mħabba ta' Bint"; "Storja tal-Knisja Ta' Savina". Ma dawn inżidu wkoll storja dwar il-Knisja tal-Madonna Ta' Pinu, u Storja t'Għawdex li għadha manuskritt. Dawn il-kotba storiċi ta' Monsinjur Vella jservu biex bihom il-Melitensia fil-Biblijoteka, kemm dik privata kif ukoll dik pubblika timmarka grad ogħla fil-valur storiku tagħha. Għalkemm Mons. Vella għex bosta snin qabel il-Konċilju Vatikan II, madankollu l-kotba tiegħu juruna biċ-ċar dak li għallimna l-istess Konċilju fil-Kostituzzjoni pastorali "Gaudium et Spes" fejn insibu: "... li għalkemm aħna ddestinati biex ningħaqdu m'Alla, dan ma jfissirx li aħna m'għandnix naħdmu biex inkabbru l-kultura tal-bniedem".

Il-ħidma saċerdotali ta' l-Arċidjaknu Vella

Is-saċerdozju għal Mons. Lwiġi Vella ma kienx stat ta' akkomodazzjoni li tqiegħdu f'pożizzjoni vantaġġjuża fost ħutu l-bnedmin. Is-saċerdozju għal Dun Alwiġ ma kienx metodu ta' trijonfaliżmu li bih tikseb ċerti privileġġi u tpoġġi lilek innifsek fuq l-oħrajn. Is-saċerdozju għal Mons. Vella ma kienx opportunità sabieħa biex tgħix ħajja bla tbatija, bla xkiel u bla ebda sens ta' responsabilta'. Is-saċerdozju għal Mons. Vella ma kienx ifisser li tingħalaq bejn erba' ħitan ta' torri ta' l-avorju - il-knisja tal-ġebel - biex ma tinkwetax bil-problemi tal-bnedmin l-oħra fil-ħajja tagħhom ta' kuljum. Anqas ma kien is-saċerdozju - fil-ħajja ta' Dun Alwiġ - mod kif tiddomina n-nies ta' madwarek bl-awtoritarjaniżmu. Għal Monsinjur Vella s-saċerdozju kien ħidma bla waqfien għat-tixrid tas-saltna ta' Kristu fuq din l-art. U Mons. Vella mexa fuq dan il-prinċipju l-ħajja saċerdotali kollha tiegħu l-għaliex huwa kien jifhem biżżejjed li bħala saċerdot jeħtieġlu li jkun impenjat il-ħin kollu tal-ġurnata u l-ġranet kollha tas-sena.

Mons. Vella fettex li jgħix is-saċerdozju li bih kien ġie imżejjen, fid-19 ta' Diċembru 1882 mill-Isqof Mons. Pietru Pace, ma' kull min ikun u kull fejn kien ikun. Fil-ħidma saċerdotali tiegħu, Mons. Vella bena kredibilita' kbira għalih fost il-poplu kollu, għaliex Dun Alwiġ kien koerenti mat-tagħlim li kien jistqarr u fidil għall-impenn saċerdotali tiegħu. Kienet din ir-raġuni li Mons. Arċidjaknu Vella kien imfittex minn kulħadd: Prelati għolja tal-Knisja, Maġistrati u professjonisti, ħaddiema tal-id, ilkoll kienu jfittxu l-parir ta' Dun Alwiġ - b'mod partikolari s-saċerdoti u r-reliġjużi.

Mhux ħaġa faċli li saċerdot jgħix skond it-tagħlim ta' Kristu għaliex, bħalma qal il-Papa attwali, l-Kristjaneżmu mhux faċli li tgħixu, imma daqstant ieħor inissel hena fil-qalb tal-bniedem meta huwa jipprattikah. Il-fiduċja li Monsinjur Vella bena għalih fost kull settur tal-poplu kienet għar-raġuni li huwa, kif igħallem il-Konċ. Vat. II fid-digriet "Christus Dominus" kien konvint li r-rgħajja tal-erwieħ "... bl-akbar premura għandhom jieħdu nteress fil-kundizzjonijiet spiritwali, intellettwali u materjali tal-bnedmin, sabiex is-saċerdoti b'ħajja qaddisa u twajba jistgħu jwettqu l-ministeru tagħhom b'fedelta' u jiksbu frott kotran". (16) Difatti t-tagħlim nisrani li Dun Alwiġ kien jagħti lit-tfal u lill-irġiel

fil-knisja antika ta' S. Sabina, is-sigħat twal li kien jgħaddi fil-konfessjonarju biex iressaq l-erwieħ eqreb lejn Alla, it-taħriġ spiritwali li kien joffri lil bosta żgħażagħ li jridu jimxu fit-triq tal-perfezzjoni, il-faraġ li kien inissel fil-qlub tal-morda matul iż-żmien li fih kien kappillan tal-Isptar tal-Gvern - fuq kollox il-priedki mimlijin għerf ta' l-Iskrittura li kien jagħmel fil-Katidral bħala Kanoniku Teologu tagħha, ilkoll huma ndikazzjonijiet li juru u jipprovaw bis-sħiħ liema ideal qaddis kellu Monsinjur Vella tas-saċerdozju.

Iżda fuq kollox Mons. Vella kien saċerdot Ewkaristiku kif tixhed wisq tajjeb il-knisja preżenti ta' Savina. Kien Dun Alwiġ li bniha mill-ġdid biex fiha waqqaf l-opra mqaddsa ta' l-Adorazzjoni perpetwa, kif ukoll l-Għaqda tal-Paġġi u tal-Gwardji ta' l-Unur ta' Ġesù Sagramentat. Nistgħu ngħidu li l-Konċilju Vat. II għamel lil Monsinjur Vella l-isbaħ ċertifikat għall-ħidma tiegħu għat-tixrid tad-devozzjoni lejn l-Ewkaristija meta fil-Kostituzzjoni Liturġika naqraw: "Il-Knisja tagħmel kull ma tista' biex il-fidili ma jkunux għal dan il-misteru tal-fidi (L-Ewkaristija) bħallikieku barranin jew iħarsu siekta, iżda waqt li jifhmuh tajjeb fir-riti u t-talb tiegħu, jieħdu sehem minnhum, qaddis u ħaj fl-att imqaddes; jiġu mgħallma bil-kelma t'Alla u jieklu madwar il-mejda tal-Ġisem tal-Mulej" (18)

Mons. Vella kien jaf tajjeb li "l-iżjed mill-Ewkaristija li tnixxi fuqna l-grazzja ... t'Alla fi Kristu li lejh jimxu bħal għan tagħhom l-egħmejjel l-oħra kollha tal-Knisja.' (Sacrosanctum Concilium, 10)

Tabilħaqq hekk kif ħelwa tinstema' iddoqq l-arpa meta s-subgħajn imħarrġa u ta' min għandu s-sengħa annuna jaqbżu fuq il-kordi tagħha, hekk ukoll ħelwa iddoqq in-nota Ewkaristika fis-sinfonija ta' ħajjet Mons. Arċidjaknu Vella sabiex għamlet minnu ruħ Ewkaristika li titla' 'l fuq lejn is-sema bħal werqa tad-deheb biex tniżżel fuq il-bnedmin il-barkiet tas-sema. Il-knisja ta' S. Sabina kif nafuha llum hija mafkar dejjiemi li jixhed għal dawk li jiġu warajna li Mons. Vella kellu success fil-ħajja saċerdotali tiegħu bis-saħħa tad-devozzjoni Ewkaristika li kellu tħeġġeġ f'qalbu

Nota oħra dominanti fil-ħajja saċerdotali ta' Mons. Vella hija l-imħabba u l-fedeltà li kellu lejn il-Knisja Katidrali li tagħha sar Kanoniku fl-1901. Monsinjur Vella ddedika ħafna mill-enerġiji tiegħu biex iġib 'l quddiem il-Knisja Katidrali f' kull aspett tal-ħajja tagħha. U jekk darba l-President ta' l-Amerika, John F. Kennedy, qal lin-nies ta' pajjiżu "Tistaqsux x'jista' jagħmel l-istat għalikom, imma staqsu lilkom infuskom x'tistgħu tagħmlu intom għall-ġid ta' l-istat", hekk ukoll nistgħu ngħidu li Mons. Lwiġi Vella mexa lejn din l-orjentazjoni bħala kanoniku, għax huwa dejjem fettex li jinqeda bil-Knisja Katidrali mhux biex jikber huwa stess, imma biex ikabbar ġieħha kif inhu xieraq. U difatti x'uħud mill-privileġġi li jgawdu l-Monsinjuri tal-Katidral tal-lum, dawn ġew miksubin bil-ħidma u bit-tħabrik ta' Mons. Lwiġi Vella. Huwa veru li fiż-żmien li Mons. Vella kien kanoniku tal-Katidral, il-mentalita' tal-Knisja dwar dawn il-privileġġi kienet ferm differenti minn dik tal-lum, għax f'din l-era post-konċiljari ħadd ma jistenna li saċerdot jaħli ħafna minn ħinu u mill-enerġiji tiegħu għall-kisba ta' privileġġi simili meta l-Knisja stess illum gradwalment qiegħda tinża' minnhom - u minn rajja. Iżda ħadd ma jista' jiċħad li Monsinjur Vella għal żmienu ma kienx wieħed mill-akbar difensuri tal-Katidral tagħna.

Professur tat-Teoloġija Dommatika

Jekk id-digriet "Optatem Totius" isejjaħ il-familja l-ewwel seminarju fejn is-seminaristi jieħdu l-ewwel formazzjoni tagħhom saċerdotali, bid-dritt kollu nistgħu nsejħu il-professuri tas-seminarju bħala "s-safety-valve" tal-futuri saċerdoti. U jekk il-Konċilju fil-Kostituzzjoni Dommatika "Lumen Gentium" isejjaħ lill-ġenituri bħala l-ewwel għalliema tal-fidi ta' wliedhom, bil-jedd kollu l-professuri tax-xjenzi sagri fis-seminarju, għandhom jiġu stmati bħala l-"ignition-key" li tqabbad il-magna tal-Knisja biex twettaq il-ħidma evanġelika tagħha fid-dinja. U jekk għall-Knisja s-saċerdo-

ti huma ndispensabli għat-twettieq tal-missjoni tagħha fid-dinja daqskemm huma ndispensabli l-minutieri f'arloġġ, hekk ukoll il-professuri tax-xjenzi sagri fis-seminarju għandhom jitqiesu fl-importanza vitali tagħhom. Il-minutieri jimmarkaw ħin tajjeb jekk il-magna tal-arloġġ tkun tajba: hekk is-sa'erdoti li joħorġu mis-Seminarju jagħtu l-isbaħ "image" tal-Knisja jekk f'dan il-post ta' taħriġ qaddis għalihom isibu nies effiċjenti li jgħinuhom jifformaw ruħhom.

Hekk mela Mons. Luiġi Vella tgħabba b'responsabilta' mhux żgħira meta l-Isqof Agostinjan Mons.Camilleri ħatru professur tat-Teoloġija Dommatika fis-sena 1909. Monsinjur Vella dam jokkupa din il-kariga sas-sena 1926 meta minħabba saħtu, kellu jirtira. Kif ġennien tas-sengħa b'id għaqlija jgħaraf jikser l-ilma qalb ix-xtieli u jnaddaf ix-xuxa tagħhom mill-ħaxix ħażin biex imbagħad f'waqtu jagħtu l-frott mixtieq, hekk ukoll kien jagħmel Mons. Vella fit-tagħlim tat-Teoloġija. Il-Professur Mons. Vella ma naqasx li jaqdi dmiru bir-reqqa kollha, kif jixhdu dawk kollha li sal-lum għadhom jiftakruh b'għożża bħala professur tagħhom. U dawn l-istess ex-studenti ta' Mons. Vella, jixhdu kemm Dun Alwiġ - skond ma jgħallem il-Konċilju fid-digriet "Ad Gentes" "Fit-tagħlim tas-suġġetti dommatiċi ... il-professuri għandhom juru tajjeb l-aspett missjunarju li jkun hemm fihom, sabiex b'dan il-mod jiġi mrawwam spirtu missjunarju fil-qassisin tal-ġejjieni". (39) Bosta huma dawk li għadhom sal-lum jiftakru fit-tagħlim siewi tal-professur Vella - speċjalment meta huwa kien jiġi biex jitkellem mill-Ewkaristija Mqaddsa. U jekk kalligrafija sabieħa tagħmel unur u ġieħ lil min jiktibha, hekk ukoll dawn is-saċerdoti li fadal f'Għawdex u li kellhom bħala professur tagħhom lill-Arċidjaknu Vella, bl-ispirtu saċerdotali tagħhom għamlu u għadhom jagħmlu l-isbaħ ċertifikat ta' ġieħ lil Mons. Vella.

Tifkira f'ġieħu

Kienet għalhekk inizjattiva wisq għaqlija li fil-Knisja Katidrali t'Għawdex isir mafkar f'ġieħ l-Arċidjaknu Mons. Lwiġi Vella - u jsir f'din il-knisja li kienet il-bidu tal-kristjaneżmu fil-Gżira tagħna u fejn jinsab midfun Monsinjur Vella. U din it-tifkira sa titwaqqaf lill-Arċidjaknu Vella biex in-nies ta' żmienna jifhmu li l-bniedem jibni għalih kredibilita fost il-poplu ta' madwaru skond kemm ikun hemm koerenza u qbil bejn it-tagħlim li jistqarr u li jxandar u t-twettiq tiegħu fil-ħajja li huwa ta' kuljum jgħix.

Din it-tifkira fil-bronz u fl-irħam li sa ssir fil-Katidral b'ġieħ lill-Monsinjur Lwiġi Vella għandha sservi ta' twissija sera biex qatt ma nissagrifikaw il-valuri spiritwali minħabba l-valuri materjali, għaliex fil-ġerarkija tal-valuri s-salvazzjoni tar-ruħ tiġi l-ewwel u qabel kollox.

F'din l-era ta' progress kbir madwarna, il-mafkar ta' Mons. Arċidjaknu Vella għandu jservina bħala impjant elettroniku li jindikalna bi preċiżjoni liema huma t-triqat li għandna nieħdu f'din il-ħajja biex naslu għall-iskop li għalih ġejna maħluqin - il-kisba t'Alla għal dejjem.

Mons. Arċipriet Carmelo Scicluna
Arċipriet tal-Knisja Katidrali.

Il-Kommunità Parrokkjali tal-Katidral tingħaqad mad-dinja Kattolika u mal-bnedmin kollha ta' rieda tajba, biex jitolbu 'l Alla ħalli jgħaqqad miegħu għal dejjem fil-Liturġija tas-Sema, ir-ruħ tal-Vigarju ta' Kristu, il-Papa Pawlu VI, li miet fis-6 ta' Awissu, 1978.

www.gozocathedral.org.mt

ID-DITTA

A. F. ELLIS LTD.

B'40 SENA ESPERJENZA
FIL-MANIFATTURA TA' KULL
XORTA TA' MADUM
TA' PRIMA KWALITA'
THABBAR LI SER TESPANDI
L-IMPJANT TAGĦHA
B'MAKKINARJU ĠDID
LI JOĦROĠ IL-MADUM ILLUSTRAT

MADUM DEJJEM AĦJAR U ISBAĦ
BLA DEWMIEN

PREZZIJIET MODERATI

HEAD OFFICE:
4, GĦAJN QATET STREET, VICTORIA.
Tel.: 76021.

T O N Y ' S S T O R E

JEW AĦJAR

IL-MEKKA TA' L-GĦAWDXIN
JOFFRI L-ORĦOS PREZZIJIET FUQ
KULL MA GĦANDEK BŻONN FID-DAR
Tixtrix qabel tara l-assortiment tagħna ta'
FRIDGES — COOKERS
WASHING MACHINES — LINEF
U MITT ELF ĦAĠA OĦRA TA'
ĦTIEĠA JEW LUSSU GĦAD-DAR
ISSIBNA MALAJR GĦAX FIS-SAQAJN

25, IT-TOKK, RABAT — GĦAWDEX.

Ċempel: 76629.

www.gozocathedral.org.mt

TEKNICO LIMITED

BUILDING SERVICES,

CONSULTING ENGINEERS

Panta House,

Valley Rd.,

Msida, Malta

Tel: 41361.

www.gozocathedral.org.mt

L-Arcipriet fil-Kanada u l-Amerika

Fl-opinjoni tal-Papa attwali, waħda mill-akbar preokkupazzjonijiet pastorali tal-Parroċċa, jeħtieġ li tkun il-ħidma apostolika fost dawk l-emigranti li, minħabba l-kundizzjonijiet soċjali tagħhom, kellhom imorru jgħixu 'l bogħod minn art twelidhom biex jibnu futur aħjar għall-familji tagħhom. Dwar din il-kura pastorali ta' l-emigranti, il-Knisja, f'dawn l-aħħar snin, uriet il-premura tagħha f'bosta mill-Istruzzjonijiet tagħha. Fuq kollox, il-Papa Pawlu VI għamel enfasi mhux ċkejken fuq il-ħtieġa li jkollna sens profond tal-Knisja universali fl-Istruzzjoni Apostolika "Evangelii Nuntiandi" l-għaliex hekk kif warda, wara ftit granet li tiftaħ, titbiel u tinxef, hekk ukoll il-knisja lokali, meta tinqata' mill-Knisja universali li minnha tieħu l-ħajja, malajr tinxef fil-ħidma pastorali tagħha u tirrendi lilha nnifisha sterili u bla ebda vitalità. Illum, aktar minn żminijiet oħra, is-saċerdot ma jistax igħid: "il-parroċċa li fiha ngħammar hija d-dinja kollha tiegħi." Ix-xefaq tal-mentalità tiegħu jeħtieġ li jħaddan l-universalità tal-Knisja. Meta saċerdot iżomm quddiem għajnejh dan kollu, ma jistax ikun li jibqa' ndifferenti quddiem il-problemi morali ta' l-emigranti kif ukoll dwar il-kontribut pastorali li jista' minn żmien għal żmien, joffri lil parroċċi oħra li għandhom nuqqas ta' saċerdoti. Kienu dawn iż-żewġ raġunijiet prinċipali li, għal darba oħra, ġagħluni nħalli, għal ftit taż-żmien, il-parroċċa tiegħi, biex noffri s-servizzi pastorali tiegħi lill-emigranti tagħna fil-Kanada u fl-Amerika, l-aktar f'dawk iż-zoni fejn hemm ħafna Għawdxin.

Matul iż-żjara tiegħi f'Toronto, f'New York u f'Detroit, irnexxili nagħmel bosta kuntatti personali ma' bosta minn dawn niesna. Dawn il-kuntatti personali għandhom importanza l-aktar kbira fl-apostolat ta' żminijietna. U jekk hemm proverbju spanjol li jgħid li uqija omm tiswa libbra kleru, nistgħu ngħidu wkoll li kuntatt personali ta' ftit minuti, jiswa bil-wisq aktar minn priedka ta' siegħa. U fiż-żjara tiegħi f'dawn il-pajjiżi, fejn jinsabu bosta mill-emigranti tagħna, jien kelli bosta minn dawn il-kuntatti personali. U billi ma kienx possibbli li nżur lill-familji kollha d-dar tagħhom fiż-żmien li kelli disponibbli, jiena bgħatt stedina lil kull familja li tagħha kelli l-indirizz għal 'get-together' ġewwa sala fejn jiena ltqajt ma' ħafna mill-emigranti tagħna, u lilhom ħadt film movie li jiena wrejt lill-parruċċani tiegħi meta rġajt lura minn dan il-vjaġġ pastorali. Dan seta' jkun possibbli bil-għajnuna li offrewli s-Sinjuri Injazju Saliba u Fr. Joe Fenech fil-Kanada u fl-Amerika rispettivament.

F'dawn il-laqgħat, jiena tajt 'souvenir' lil kull familja li ġiet għal din l-okkażjoni, u jiena konvint li din it-tifkira għandha sservihom ta' ħolqa li tgħaqqadhom mat-tradizzjonijiet reliġjużi sbieħ li huma ħadu minn art twelidhom u, b'mod speċjali, li tgħallmu ma' djul ommhom. L-emigranti tagħna għadhom japprezzaw mhux ftit dawn iż-żjarat li nagħmlulhom. Huma juru biċ-ċar li jixtiequhom u li qegħdin iħallu fihom il-ġid, għax permezz tagħhom, huma jiksbu ċerta stabilità fil-pajjiż li għalih jemigraw u li hija tant meħtieġa biex l-emigranti tagħna jtejbu mhux ftit il-kundizzjoni soċjali tagħhom, ħalli jkunu jistgħu jgħixu ħajja umanament deċenti li huwa jedd tagħhom.

ESPERJENZA PASTORALI

Fil-jiem li għaddejt il-Kanada u fl-Amerika, jiena ksibt bosta esperjenzi pastorali li żgur swewli ta' ġid ħalli nissokta nintensifika l-appostolat tiegħi fil-parroċċa li qed immexxi fuq linji post konċiljari. Il-kontenut ta' xi kotba li akkwistajt, għandhom valuri indispensabbli għall-katekeżi presagramentali u għall-formazzjoni kontinwa ta' l-insara tal-lum. In-nisrani ta' żminijietna jeħtieġ li jżomm quddiem għajnejh li l-ħajja tiegħu hija mixja bla waqfien lejn Alla. Jekk huwa ma jkollux dan l-iskop f'dan il-pellegrinaġġ lejn il-Belt fejn

www.gozocathedral.org.mt

igħammar Alla nnifsu, il-valur ta' ħajtu jkun daqs ta' lumija magħsura li tajba biss biex titfagħha fil-landa ta' l-iskart. Għalkemm l-insara tal-pajjiżi li jiena żort qegħdin igħixu fi klima sekolarizzata bil-wisq aktar minn niesna, iżda huma aktar jagħtu mportanza lil din il-verità minna. U għal din ir-raġuni, il-Knisja f'dawn il-pajjiżi, b'mod speċjali bil-mezzi kollha tal-kommunikazzjoni soċjali, ħalli twassal dan il-messaġġ utli lill-membri tagħha biex huma ma jitilfu ebda okkażjoni li fiha ma jagħmlux pass 'il quddiem f'mixjiethom lejn Alla. Dawn il-kotba huma maħdumin minn psikoloġisti kif ukoll minn esperti fil-qasam ta' l-evanġelizzazzjoni ħalli jkunu jistgħu jħallu l-effett mixtieq. Mhux possibbli li, fid-dinja ta' żminijietna nxandru l-messaġġ ta' Kristu mill-erba' ħitan tal-Knisja, il-għaliex jekk aħna nikkuntentaw irwieħna b'daqshekk biss, dan ifisser li aħna sodisfatti li nissakkru ġewwa s-sagristija, imdawrin biss b'erba' xjuħa u ftit li xejn jimpurtana mill-element żagħżugħ fil-ġisem Mistiku ta' Kristu li ma jistax jiffunzjona b'mod normali jekk xi wħud mill-organiżmi tiegħu huma morda. Il-Knisja mhix ħaġa astratta daqskemm kieku kienet ġebla mejta f'binja kbira, imma l-Knisja mhix ħaġa oħra ħlief il-personifikazzjoni ta' Kristu fid-dinja taż-żminijiet kollha.

U l-Knisja tista' tilħaq dan l-iskop jekk kemm-il darba aħna nirriflettu l-preżenza ta' Kristu kull fejn inkunu u ma' kull min inkunu. Ikun inutli li noqogħdu nilludu rwieħna li f'Għawdex kollox miexi sewwa fi ħdan il-Knisja u m'għandniex għalfejn inħabblu rasna bil-futur tagħha l-għaliex huwa garantit. Lanqas il-ħidma pastorali tagħna m'għandha tiġi limitata għat-tgergir kontra l-Konċilju Vatikan II li qaleb id-dinja ta' taħt fuq. Tajjeb li nżommu quddiem għajnejna l-osservazzjoni li għamel Bernard Haring, patri Redentorista u moralista kbir tal-lum, li stqarr li kieku ma kienx dan il-Konċilju, id-dinja tal-lum tinsab fi kriżi tal-fidi bil-wisq aktar akuta. Fi ħdan il-Knisja ma hemmx post għal dawk li jippreferixxu li joqogħdu jgorru flok li jwettqu xi ħaġa tal-ġid, li jitgħażżnu flok li jfasslu pjanijiet ġodda ta' ħidma pastorali, li jintrabtu mal-karru ta' tradizzjonaliżmu li fih riħa ta' tridentin flok li jifformaw lilhom infushom u lin-nies ta' madwarhom fl-ispirtu tat-tagħlim tal-Konċilju Vatikan II. Sakemm nieħdu dan l-atteġġjament, tkun tixirqilna ċ-ċanfira li darba Kristu għamel lil dak il-qaddej tal-parabbola li kellu talent wieħed li, flok li ħaddmu, mar ħbieh biex la jinkwieta hu u lanqas lin-nies ta' madwaru. F'din iċ-ċirkustanza, Ġesù lil dan il-bniedem sejjaħlu qaddej ta' bla ebda siwi. Mill-esperjenza pastorali li kelli fl-Amerika u l-Kanada, jiena aktar ikkonvinċejt lili nnifsi li hemm bżonn li nsaffu l-Knisja minn ċerta moffa li qegħda tagħmlilna aktar ħsara milli ġid. Jekk aħna nippretendu li l-Knisja f'Għawdex tibqa' stabbli fl-applikazzjonijiet tal-prinċipji tal-Morali Nisranija, dan ifisser li aħna nixtiequha li jkollha d-destin ta' l-ilma qiegħed li minnu joħorġu biss irwejjaħ li ma jogħġbu lil ħadd.

IMPRESSJONIJIET PASTORALI FIL-KANADA U FL-AMERIKA

Bosta huma l-impressjonijiet li ħallietli f'moħħi ż-żjara tiegħi fil-Kanada u fl-Amerika. Matul iż-żmien li jien għaddejt f'dawn il-pajjiżi, jiena ksibt ċerti esperjenzi pastorali li ma tantx hu possibbli li tgħaddi minnhom fi gżiritna minħabba ċ-ċokon tagħha. Sakemm domt f'dawn l-artijiet, fejn hemm eluf kbar ta' emigranti Maltin u Għawdxin, jien intbaħt li l-Knisja f'dawn il-pajjiżi qegħda tagħmel użu minn bosta mezzi pastorali biex huma jagħtu sura ġdida lis-soċjetà ħalli l-membri tagħha jindunaw u jintebħu li 'l bogħod minn Alla ma jistax ikun hawn fid-dinja ġustizzja, paċi, imħabba u progress. Iżda, biex il-kattoliċi fl-Amerika u l-Kanada jaslu għal din ix-xorta ta' trasformazzjoni fis-Soċjetà, il-pjan tagħhom huwa prinċipalment mibni fuq dawn it-tliet strateġiji pastorali u dawn huma: id-djakonat permanenti, il-gruppi karizmatiċi u l-parteċipazzjoni fil-liturġija.

ID-DJAKONAT PERMANENTI

Fl-Amerika u fil-Kanada, l-Isqfijiet qegħdin jordnaw bosta djakni permanenti li huma rġiel miżżewġa. Dawn jiġu

www.gozoCathedral.org.mt

sottomessi għall-kors ta' 3 snin fis-Seminarju fejn jiġu mlaqqgħin darba fil-ġimgħa. It-taħriġ tagħhom aktar jikkonsisti f'kuntatti personali ma' kull kategorija ta' bnedmin fis-soċjetà, milli fl-istudju ta' bosta kotba, l-għaliex dawn id-djakni permanenti huma l-iżjed iddestinati biex jerġgħu jqabbdu t-triq tas-sewwa u tal-vera ħajja lil dawk il-bnedmin li tilfu kull tama f'dak Alla li jlibbes il-ġilju tal-widien u jitma' l-agħsafar ta' l-ajru. U għalhekk, fil-kors li jagħmlu dawn l-irġiel miżżewġa li jkunu qegħdin jieħdu l-formazzjoni għad-djakonat permanenti, jiġu ikkanalizzati minn qabel ma' lema kategorija ta' delinkwenti sa jaħdmu biex jirriħabilitawhom fis-soċjetà. Difatti x'uħud jaħdmu mal-ħabsin u oħrajn ma' l-'alcoholics' jew mat-tfal mentalment ritardati. Dawn id-Djakni permanenti, barra x-xogħol pastorali li jwettqu kull nhar ta' Ħadd fil-Knisja parrokkjali tagħhom, b'mod speċjali, fit-tqarbin u billi jagħmluha ta' animaturi fil-quddiesa, qegħdin ukoll jiddedikaw ħafna mill-ħin liberu tagħhom biex joffru servizzi umanitarji. Dawn id-Djakni permanenti qegħdin juruna biċ-ċar li huma jemmnu f'dak li qal il-kittieb Kanadiż, Jean Vannier, li mill-kotba tiegħu qrajt siltiet sakemm domt il-Kanada. Dan il-kittieb ta' żminijietna qal li huwa aktar tgħallem il-Vanġelu ta' Kristu mingħand l-immankati milli mill-għorrief tad-dinja, li huwa aktar tħeġġeġ li jipprattika l-Vanġelu ta' Kristu mill-emarġinati milli minn dawk li jissejħu psewdo teoloġi, li huwa aktar tħajjar li jgħix il-Vanġelu ta' Kristu minn dawk li jissejħu l-iskart tas-soċjetà milli minn dawk li jridu jippużaw ta' nies ta' intelliġenza mhix komuni. Il-ħidma ta' dawn id-Djakni permanenti f'dan il-qasam qegħda toffri kontribuzzjoni mhix ċkejkna biex is-soċjetà ta' żminijietna, f'dawn l-artijiet, tissaffa mill-mikrobu tas-sekularizzazzjoni li qegħda tipprova twassal lill-bniedem biex jibla' li f'din id-dinja m'għadx fadal post jew rokna ċkejkna għal Kristu Ġesù bit-tagħlim tiegħu.

IL-MOVIMENT KARIŻMATIKU

Fl-Amerika u fil-Kanada, il-gruppi karizmatiċi huma numerużi ħafna u kważi tiltaqa' magħhom f'kull parroċċa. Jien ħadt sehem f'wieħed minnhom u l-impressjoni li ħallewli kienet li dawn il-gruppi karizmatiċi fihom kemm l-aspett negattiv kif ukoll l-aspett pożittiv tagħhom. Min huwa oġġettiv fil-ġudizzju tiegħu, malajr jintebaħ li l-element negattiv ta' dan il-moviment iwassal għall-ingredjent esaġerat ta' emozzjoni. Biss wieħed m'għandux jinsa lanqas li l-psikoloġista u l-psikanalista jammettu li l-emozzjonijiet u l-iżvilupp ta' l-immaġinazzjoni huma ndispensabbli għall-maturità psikika tal-bniedem. U għalhekk, bis-saħħa ta' l-istess argument, għandna nammettu li dawn iż-żewġ karatteristiċi fil-ħajja tal-bniedem huma wkoll meħtieġa għall-progress fil-ħajja tat-talb. Difatti San Pawl, fl-ewwel ittra tiegħu lill-Efesin, igħidilna li ma għandna qatt neħduha kontra l-ħidma ta' l-Ispirtu s-Santu fina, imma nkunu dejjem disponibbli biex nilqgħu s-sejħat li jagħmlilna u b'kull mod li huwa jagħmilhomlna.

Iżda dawn il-gruppi karizmatiċi fihom ukoll l-aspett pożittiv tagħhom. U jekk l-Ewkaristija hija frott ta' Sidna Ġesù Kristu, dawn il-gruppi karizmatiċi huma frott ta' l-Ispirtu s-Santu. Bil-jedd kollu, huma ġew imsejħin Għid il-Ħamsin Ġdid għall-Knisja ta' Ġesù Kristu. Tant huwa hekk li l-Moviment Karizmatiku qiegħed jagħti xhieda ħajja li l-ħajja tat-talb u tal-kontemplazzjoni ma tgħoddx biss għal dawk li huma fil-kunvent u fil-monasteru, imbegħdin għal kollox mill-ħamba, mill-ħsejjes u mit-taħbit tal-ħajja mgħaġġla ta' l-ibliet moderni, imma hija wkoll possibbli għal dawk li nħakmu fil-morsa ta' l-urbanizmu u ntilfu għal kollox fl-anonimità tal-massa. Difatti, f'dawn il-gruppi karizmatiċi, issib żgħażagħ, ħaddiema, miżżewġa, adulti u romol li jiltaqgħu għal sagħtejn sħaħ biex jitolbu u jkantaw flimkien u hekk igħollu ħsibijiethom lejn is-sema.

Għal dan il-Moviment Karizmatiku, joqogħdu tajjeb dawn il-kelmiet tas-Sekwenza tal-quddiesa ta' Għid il-Ħamsin:

"Naddaf kull fejn hemm it-tbajja',

www.maltacatholicblog.net

fejn hemm nixfa, reġġa' l-ħajja,
lill-miġruħ agħtih fejqan".

IL-PARTEĊIPAZZJONI FIL-LITURĠIJA

Strateġija oħra pastorali li impressjonatni kemm domt fil-Kanada u l-Amerika, hija l-parteċipazzjoni tal-kommunità fil-liturġija, b'mod speċjali, fiċ-Ċelebrazzjoni Ewkaristika. Il-Knisja f'dawn il-Pajjiżi toffri u tforni lill-membri tagħha bil-materjal kollu possibbli biex huma jkunu jistgħu jieħdu s-sehem attiv fil-Liturġija. Difatti, l-assemblea liturġika jkollha f'idejha l-messalin kemm tal-Ħdud kif ukoll tal-ġranet tax-xogħol, bil-qari kollu tal-lezzjonijiet u tad-diversi talbiet tal-fidili. U l-Kattoliċi, f'dawn il-pajjiżi, huma mentalment liturġiċi u tismagħhom ilkoll jirrispondu b'vuċi għolja ħalli tabilħaqq tinħoloq atmosfera kommunitarja li hija tant meħtieġa Kristu f'dik id-djoċesi. U b'għaġeb kbir tiegħi, osservajt li, fejn jidħlu l-emigranti Maltin u Għawdxin fil-Knisja għall-quddiesa, dan is-silenzju jinħass ħafna. Għadhom ma ndunawx li, fil-Knisja ta' wara l-Konċilju, dak li jgħodd mhux kemm-il darba tmur il-Knisja, imma kemm tieħu sehem fil-Liturġija tal-funzjonijiet tagħha.

Fl-Amerika u l-Kanada tibqa' mpressjonat bin-numru ta' l-irġiel ta' edukazzjoni għolja li jagħmlu l-parti ta' animaturi fil-quddiesa ta' nhar ta' Ħadd biex jgħinu lill-poplu jkanta u jwieġeb. U dawn l-irġiel hawnhekk għandhom jilbsu t-Tarċezjana mingħajr mistħija ta' xejn. Kemm huma dawk l-irġiel f'Għawdex li lesti li joffru dan is-servizz tant meħtieġ għal aktar parteċipazzjoni attiva fil-quddiesa? Impressjonawni wkoll in-numru kbir ta' abbatini li ssib f'kull

Mons. Arċipriet Carmelo Scicluna qiegħed iqarben

biex tinħass il-preżenza t'Alla. Dawn il-kattoliċi huma konvinti li, fir-riforma liturġika, ma fadalx post għal dawk li jissejħu spettaturi passivi, imma biss għal dawk li jissejħu attivi. Fl-era post konċiljari, tkun banali, min-naħa tal-membri tal-kommunità parrokkjali li jmorru l-Knisja għas-servizzi liturġiċi u jibqgħu muti u siekta bħal l-istatwi tal-ġebel u ta' l-irħam li jkun hemm fil-Knisja. Maġġuranza sieket fost il-miġemgħa liturġika ma tantx hija indikazzjoni futura sabiħa għall-Knisja ta' parroċċa ta' l-Amerika u l-Kanada. Dan in-numru jlaħħaq mas-sebgħin u x'uħud minnhom huma studenti tal-High School jiġifieri studenti li f'pajjiżna jkunu fis-sixth form. Kull nhar ta' Ħadd, jinġabru fi gruppi għal kull quddiesa u fihom tassew għaxqa bil-mod kif iġibu ruħhom waqt is-servizz liturġiku. U aħna f'Għawdex, kemm kemm ma nipprovawx inwaqqgħu għaċ-ċajt lil dawk li joffru dan is-servizz liturġiku, jew inkella nħossuh bħala infantiliżmu li tibqa' marbut mal-funzjonijiet tal-Knisja. Għadna ferm

lura biex aħna f'Għawdex ikollna nsara prattikanti ta' dan il-kalibru li jħossuh bħala dover tagħhom li jikkonvinċu lil sħabhom biex jipparteċipaw fil-liturġija. Għadna tassew 'l bogħod biex nilħqu dan il-livell ta' parteċipazzjoni fil-liturġija. F'dawn il-pajjiżi aktar tħoss kemm kellu raġun il-Papa jistqarr, f'diskors li għamel meta ippromulga l-Kostituzzjoni Liturġika, li l-Liturġija hija l-aqwa ħaġa li għandha l-Knisja fi żmienna u l-aktar ħaġa importanti biex ixxandar il-Messaġġ ta' Kristu. Wieħed mill-akbar liturġisti ta' żmienna qalilna li l-Knisja ħasset id-dover li l-ewwel li għandha twettaq hija r-riforma fil-liturġija biex tgħin il-bnedmin jerġgħu lura lejn Alla. Jalla aħna naslu biex nifhmu din il-lezzjoni għax inkunu għamilna pass 'l quddiem biex inkunu ġebel ħaj fil-Ġisem Mistiku ta' Ġesù. F'dawn il-pajjiżi, hemm iddrawwa li s-saċerdot, wara l-quddiesa, jiehu b'idejn dawk li kienu preżenti għal din iċ-Ċelebrazzjoni Ewakristika. (Ara r-ritratt ta' fuq).

SKEJJEL KATTOLIĊI

Kelli bosta esperjenzi oħra pastorali kemm domt il-Kanada u fl-Amerika. Fuq kollox, nixtieq insemmi ż-żjajjar li jien għamilt fl-iskejjel kattoliċi, hekk imsejħin St. Joseph School u St. Gregory The Great School. F'dawn l-iskejjel, għamilt lezzjonijiet dwar is-Sagramenti u s-Servizzi Umanitarji lit-tfal ta' grades 7 u 8. Kemm it-tfal kif ukoll l-għalliema japprezzaw mhux ftit il-preżenza tas-sa-

L-Arċipriet Mons. C. Scicluna mat-tfal ta' grade 8 f'St. Joseph School

www.gozocathedral.org.mt

ċerdot fl-iskejjel tagħhom. U f'waħda mill-iskejjel qaddist fil-klassi tat-tfal ta' grade 8, u iddiskutejna flimkien il-qari taż-żewġ lezzjonijiet. Imbagħad, f'nofs in-nhar, kellna l-lunch flimkien. Għalija, din kienet esperjenza tassew sabiħa.

L-ISQOF FULTON

Meta kont il-Kanada, bis-saħħa ta' Dun Alfred Grima, saċerdot mix-Xewkija, li qed jaħdem fil-Kanada, kelli udjenza ma' l-Isqof Fulton, li huwa nkarigat mill-ħidma pastorali tal-kappillani u s-saċerdoti f'Ontario. Tkellimna dwar il-possibilità li aktar saċerdoti minn Għawdex imorru jaħdmu fuq xogħol pastorali fil-Kanada, kif ukoll dwar il-possibilità li l-Knisja fil-Kanada tisponsorja seminaristi Għawdxin li, imbagħad, għal xi żmien, dawn il-futuri saċerdoti joffru s-servizzi pastorali tagħhom fil-Kanada. Jiena fissirt lil dan l-Isqof, li r-Ragħaj Spiritwali tad-Djoċesi t'Għawdex, iddispona li s-saċerdoti kollha għandhom jagħtu sentejn ta' ħidma saċerdotali barra mid-djoċesi, u jiena staqsejtu jekk huwa jkunx lest jaċċetta dawn is-saċerdoti għal sentejn biss għax, fl-opinjoni ta' l-Isqof tagħna, ma tantx ikun faċli li Isqof Djoċesan ikun lest li jilqagħhom għal sentejn biss. Iżda dan l-Isqof Fulton, wera li huwa jkun dispost li jilqagħhom għal sentejn biss. Imbagħad tkellimna dwar it-tieni possibilità li l-Kurja Veskovili ta' Ontario tisponsorja lil xi seminaristi, billi f'Għawdex, il-biċċa l-kbira tal-parroċċi ma jistgħux jaffordjaw li jkollhom iżjed saċerdoti, u għalhekk anki l-istess Isqof tagħna, qiegħed isibha diffiċli li jordna saċerdoti ġodda, għar-raġuni li aħna, f'Għawdex, ninsabu 'overfed' bil-qassisin. L-Isqof Fulton wiegħeb li l-Kurja Veskovili tagħhom tkun lesta li tħallas is-Seminarju lil dawn is-seminaristi u mbagħad, meta jsiru saċerdoti, ikunu obbligati li joffru ħidma pastorali fil-Kanada għal xi snin. L-Isqof Fulton kellu jikteb lill-Isqof tagħna, kif fil-fatt għamel, dwar dawn iż-żewġ possibilitajiet. Jalla jseħħu u jħallu l-frott. Fl-istess okkażjoni, jiena ltqajt u tkellimt ukoll ma' l-Arċisqof tal-Kanada, Mons. Philip Pocock, li ta d-dimissjoni tiegħu xi ġimgħat ilu, u li darba kien ġie Għawdex. Huwa kien diġà jaf li tkellimt ma' l-Isqof Fulton fuq il-proposti msemmija.

Fil-missjoni pastorali tiegħi f'Toronto, għammidt it-tifel ta' Mr. u Mrs. Ignatius Saliba, li emigraw għall-Kanada tlettax-il sena ilu.

www.gozocathedral.org.mt

Għalija, dawn iż-żjajjar li għamilt f'diversi parroċċi ta' l-Amerika u l-Kanada, huma ta' valur kbir mill-aspett pastorali u aktar ikkonvinċejt lili nnifsi li kull saċerdot fid-dinja, jeħtieġ li jħaddan il-Knisja universali fil-mentalità tiegħu.

Dan ir-ritratt juri lil xi wħud minn dawk kollha li kienu preżenti għall-funzjoni tal-Magħmudija.

FIL-GHID TA' L-ASSUNTA

— Sunett —

Jum kollu dija u faraġ, jum li jhenni
lir-ruħ li qed titniehed għall-ħelsien,
wasal mill-ġdid ... qaddis, għażiż, mistenni
minn sena għal oħra b'ħerqa tul iż-żmien.

Idoqqu l-qniepen f'dan il-Għid solenni,
ifur bid-dwal u l-għana kull ħolqien
u b'leħen ħlejju kull maħluq itenni:
"Sebħ, glorja u sliem ma' Kullimkien ..."

Festi fis-sema u fl-art. L-anġli ferħana
jingħaqdu ma' l-erwieħ u l-qaddisin
u lill-Assunta jagħtu qima magħna.

Ġesù l-Mulej isejjaħ 'l ommu miegħu -
kotra ta' grazzji jroddu lill-bnedmin
u jbierku 'l Għawdex fl-akbar festa tiegħu.

1978.

ANTON F. ATTARD

www.gozocathedral.org.mt

SANTA MARIJA PROCESSION

Church bells for joy are pealing,
Exploding petards rending the air,
Dense crowd the Cathedral square thronging,
In tense expectation patiently waits.

Old, weather-beaten battlements still standing,
Which in bygone days echoed with battlecries
As Christians and Infidels lay fiercely struggling,
With locals and foreigners now are crammed.

In hundreds hither they are flocking,
Youngsters, grown-ups and the ageing alike;
The ailing with the healthy mingling,
Intense ardour constantly urging them on.

The striking clock the awaited signal giving,
Lay members of a religious guild appear;
Sodalists of the Confraternity of Our Lady are coming,
Vested in flowing light-yellow and white robes.

Onlookers the cherished statue are next viewing,
Most skilful earthly representation of heavenly majesty;
For awhile the venerable image is pausing
As if acknowledging tumultuous applause and cheering.

Paper bombs the multitude's gaze now drawing,
Isolated petard bangs complete the rest;
Necks are craning and eyes keep straining,
Attention is focussed on the Cathedral steps.

Behold! a hush the spectators is gripping.
At the stirring airs of the immortal hymn
"Una Gloria" which the Leone Band starts playing,
A choir of parish girls promptly join in.

Except for intermittent soft whispering
Unbroken silence pervades the scene;
Around and above the crowds eagerly listening,
Enraptured by the melodious tunes outflowing.

With the hymn drawing to its ending,
Thousands of eyes are scanning the sky;
Ears pricked up at the distant thudding,
Instantly, in quick succession petards are bursting.

Altar boys cross-bearing priest now accompanying
Carry two silver-wrought lighted lanterns.
Youngsters clad in blue-white tunics are following,
Beaming faces their inexpressible joy radiating.

www.gozocathedral.org.mt

Franciscan Friars Minors in black habits next appearing,
With the Augustinian monks close on their heels;
Priests in gold-embroidered tasselled copes following,
Behind, a mace-bearer a gold-gilt statuette displaying.

Monsignors in twos forward now softly stepping,
Scarlet capes glittering in the setting sun;
Escorted by lanterns and a gold-plated reliquary upraising
His Lordship the Bishop is bringing up the rear.

Through the heart of Victoria its way wending,
The colourful procession proceeds on its course;
Now through streets narrow and winding,
Now through pleasant, spacious squares.

The pre-fixed detour well-nigh accomplishing,
The procession reaches the decorated, floodlit Main Square.
On either side, statues of the Apostles the route lining
Like an imposing guard of honour for the Celestial Queen.

In the hot atmosphere of a closely-packed square
The accompanying Band takes up a popular hymn;
Repeated Aves chanted by a highly-accomplished choir
Resounding through space, are caught up by the beholders.

With the incoming procession the Cathedral steps approaching,
The milling crowd ahead splits up in two ranks;
Statue turned about the clapping multitude facing
Is gradually lowered, then brought up the uppermost step.

Amid this impressive splendour a brief pause is ensuing.
Eyes peering through space have not long to wait;
Night's blackness in momentary daylight soon changing
As hundreds of coloured petards their skywards course trace.

From different quarters wells up prolonged cheering
And frantic waving in token of a fond farewell;
Overhead, myriads of stars their silvery lustre shedding
Survey this thrilling scene to its final closing.

Many a sigh is heaved, a few tears too are trickling
Mostly among the ageing, grizzly heads looking on;
Sadly recalling the lifespan gone by and the short one remaining
For some a fading fondly-cherished scene — a last good-bye.

Indeed, a touching unforgettable parting
If parting call it you will;
In a fine marble niche now resting
Through the year we see Her still.

15th August, 1978. **Lewis Gauci.**

www.gozocathedral.org.mt

Tislima lill-Papa Pawlu VI nhar l-Assunta

Il-Papa Pawlu miet, raqad fi Kristu
ir-raqda tal-mistrieħ,
thejjija għall-qawmien
bħalek Ġesù
bħalek Marija.
Jeħtieġ li norqdu biex inqumu fl-aħħar!
Jeħtieġ li mmutu biex naraw id-dija
ta' Dak li jagħti s-sens, tifsir lill-ħajja
Din, għażiż Pawlu, hija l-isbaħ festa
li sejjer tgħaddi, tal-15 t'Awissu,
għaliex iltqajt u rajt lill-Verġni mbierka
li int sejjaħt u tajtha l-isem għoli
ta' OMM IL-KNISJA: għax Omm ir-Ras u tagħna.
Is-sliem għalik,
Papa ta' qalbna.
Itlob għalina midinbin lil Ommna
xħin tara l-wiċċ sabiħ u l-ħarsa tagħha
li ssaħħar lilna f'dan il-wied ta' dmija.
Bħalma kont int,
hekk aħna għatxana għas-sema!
Is-sliem għalik,
prinċep tal-paċi,
orqod fis-sliem!

Ix-Xlendi

Rev. George Mercieca SDB.

8. viii. '78.

www.gozocathedral.org.mt



www.gozoculture.org.mt

"L-ewwel ħjiel ta' siwi li għandna ta' din il-knisja imur lura sas-sena 1435 meta, eżatt fit-12 t'Ottubru, insibu lil Nucio de Episcopo, Għawdxi, iħalli xi ħaġa żgħira lill-kappillan tal-Knisja Matriċi ta' Santa Marija u . . . l-ebda knisja oħra f'Malta jew Għawdex ma kienet tissejjaħ matriċi f'dawk iż-żminijiet bikrija".

WERREJ

Messaġġ ta' Mons. Arċipriet	1
X'Qalu t-Turisti	2
Tifkira taċ-Ċentinarju tal-mewt tal-Papa Piju IX	3
Żmien il-Franċiżi mid-Dokumenti ta' Palermo	7
Il-Ħatra ta' Żewġ Kanonċi fil-Knisja Matriċi	11
Ġrajjiet Importanti Matul is-Sena	13
Kronaka tal-Parroċċa	16
Mons. Arċid. Lwiġi Vella — 50 Sena Wara Mewtu	19
L-Arċipriet fil-Kanada u fl-Amerika	23
Fil-Għid ta' l-Assunta	29
Santa Maria Procession	30
Tislima lill-Papa Pawlu VI	32

GOZO PRESS

www.gozocathedral.org.mt